
MONS SION IN JERUSAL



Il-Qaddis
San Franġisk t'Assisi
jieħu
M'n idejn il-Kavalieri tas-Salib
L-istendard u t-tmexxija
tal-Art Imqaddsa.

Id-Disa' Sena APRIL - ĠUNJU, 1963 Għadd 2

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes."*

# LEĦEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

ĦARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU F'MALTA

Id-Disa' Sena APRIL - ĠUNJU, 1963 Għadd 2

## X'FIH DAN IL-GĦADD


Kif tkun tas-sew Nisrani? (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... 33

Il-Quddiesa tal-Lhud fi żmien Ġesù Kristu (P.P. Saydon) ... ... ... 34

Dawra mal-Art Imqaddsa (Dun Karm Sant) ... ... ... ... ... 36

Il-Ħalliel it-Tajjeb (Qostandi) ... ... ... ... ... ... ... ... 40

Għaliex il-Kalvarju jgħidulu Muntanja (P. Ant. Olivan, O.F.M.) ... ... 44

Il-Qabar ta' San Ġakbu fil-Wied ta' Kedron (Abuna Jagħqub) ... ... 48

Disa' Xhur f'is-Salt (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... ... 53

Bis-Saħħa tal-Bebbux (Ħanna l-Malti) ... ... ... ... ... ... 58

Il-Ġrajja ta' Adam (Hanan) ... ... ... ... ... ... ... ... 60

Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... 63

Requiescant In Pace ... ... ... ... ... ... ... ... 64


*Direzzjoni*: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni*: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# KIF TKUN TAS-SEW NISRANI ?

*Meta tarbija jgħammduha, ssir Nisranija. Jitwarrab minnha dnub in-nisel, u bis-saħħa tat-Tbatija u l-Mewt ta' Kristu li bihom ġieb il-Fidwa, jitneħħielha l-jedd ta' bieb il-mewt, u jinfetħulha bwieb il-Ħajja. Imma dan ma jfissirx li meta tikber, tagħmel x'tagħmel, tmûr il-Ġenna. Biex tmûr il-Ġenna trîd issaħħaħ b'egħmilha l-kelma li ngħatat 'l Alla f'isimha, li tiċħad ix-xitân u l-għorsien tiegħu, u tgħîx ħajjitha u tqîs egħmilha fuq it-tagħlim ta' Ġesù.*

*Imma fejn hu Ġesù? Min ijrîd jgħîx ta' Nisrâni, fejn imûr jisimgħu jgħallem?*

*Hawn għâdu Ġesù, fid-dinja, ħaj, u mimli bil-qawwa. Hawn għâdu magħna, fl-Appostli tiegħu li qalilhom: "Mîn jisma' lilkom jisma' lili" (Luqa, X, 16), "Morru mad-dinja kollha, xandru tagħlîmi lil kull ħadd" (Mark, XVI, 15. Għallmu lil Ġnûs kollha, u għîdulhom ijħârsu dak li jien amart għalîkom. Araw li jien inkun fostkom, iż-żmien kollu, sa tmiem id-dinja" (Matt. XXVIII, 19-20). U tagħlîm l-Appostli nsibuh fil-Kotba tal-Evanġelju, li kitbu huma u ħallewhomlna. Dawk il-Kotba li l-Ġemgħa tal-Insâra, jiġifieri l-Knisja, b'immexxija minn Rûħ il-Qodos, ħarsithomlna. Hemm jinsâb it-Tagħlîm ta' Ġesù. Dawk huma Ġesù l-Ħaj. Hemm jinsab kollox x'għandna ngħamlu f'kull xorta ta' ħâl li nkunu fih. Imma iftaħ għajnejk u ħaddem moħħok, u qîs u iżen kull egħmilek. Isma l-kelma ta' Ġesù lill-Ixirka tiegħu: "Araw li ħadd ma jqarraq bikom! Għax wisq nies ħżiena jiġu b'ismi, u jqarrqu b'ħafna!" (Matt. XXIV, 4-5). U ara li int ukoll ma tgħallatx rûħek, billi l-ħażîn tiegħek tgħoddu b'tajjeb, u d-dlâm tiegħek tgħoddu b'dawl (Luqa, IX, 35; Matt. IX, 23). Naddaf, mela, fehemtek, u la taħsebx li sa tiret il-Ġenna bix-xama' u l-kurunelli. Ara li ma titlaqx il-ħwejjeġ il-kbâr biex tagħmel iż-żgħar (Mark, VII, 9). Iftakar li jekk timla moħħok bit-tpeċpiċ tat-tjieba fiergħa, ma jibqâx fîh wisa' għal egħmîl tas-serjetà. Lil Ġesù ma tqarraqx bih biż-żgħil u l-kliem tal-ħlewwa (Matt. VII, 21). Imma trid timxi t-trîq li mexa Hu. "Kif kaptan ġifen ijżomm għajnejh fuq il-boxxla u l-kewkba, biex la jintilef, hekk ukoll int, żomm dejjem f'moħħok il-kliem tal-Mulej: "Għożż lil għajrek bħalek in-nifsek" (Matt. XXIV, 44). U: "Kull ma tagħmlu, ta' ġid jew deni, ma l-anqas wieħed fost ħuti, tkunu għamiltuh miegħi"*

*Tismagħha l-qanpiena ta' knisjiet pajjiżek, kemm il-darba ma'tul il-ġimgħa ddoqq il-ħabar ta' min miet? DIK GĦAD TRID IDDOQQ IL-ĦABAR TAL-MEWT TIEGĦEK! Kun, mela, dejjem imhejji (Matt. XXIV, 44), biex meta jiġi Sidek, isibek tagħmel dak li amrek Hu. (Matt. XXIV, 46-51). Qîs li tkun tas-sew Nisrâni. Ogħla fuqek in-nifsek, u oħnoq l-egoiżmu li jinsâb fîk. Ħâres lejn għajrek mill-għoli, u arah bħal ma jarah Alla, li ħalaq lilek u lilu. Għîn lill-oħrajn kollha, sa lill-egħdewwa tiegħek, bil-qalb u bis-sodoq, f'kull ħtieġ. Aħżen kemm tista' miel għassema, għax iż-żmien għaddej, u l-mewt tistenna. Tajjar il-għażż minn fuqek, u agħti ruħek għal ħidma. Ara nies id-dinja kemm jaħsbu bil-lejl u jaħdmu bi nhâr, biex dejjem aktar ikattru ġidhom. Għax bħal ma qal Ġesù n-nifsu: "Ulied id-dinja, f'ġenshom, huma aktar bil-għaqal minn ulied id-dawl! (Luqa, XVI, 8).*

*ID-DIREZZJONI.*

# IL-QUDDIESA TAL-LHUD FI ZMIEN GESU' KRISTU

Li nitkellmu fuq il-quddiesa tal-Lhud hi ħaġa barra minn lokha. Il-quddiesa hi ħaġa nisranija, ġejja minn Ġesù Kristu u tfakkarna fih. Kristu hu ċ-ċentru tal-quddiesa, u jekk il-Lhud ma għandhomx Kristu anqas ma għandhom quddiesa. Iżda biex nifhemu sewwa, l-Lhud ma għandhomx il-quddiesa nisranija, il-quddiesa tagħna, imma għandhom xi ħaġa li nistgħu b'xi mod ngħidulha quddiesa, u din hi s-sagrifiċċju tagħhom li huma kienu joffruh għallinqas darba kull jum. Ngħidu xi ħaġa fuq is-sagrifiċċju li kien isir kull jum fit-tempju, fi żmien Ġesù Kristu. U qabel xejn:

1. Is-sagrifiċċi kienu jsiru bil-qtil ta' annimali, baqar, għoġiela, ngħaġ u mogħoż. Il-qassis joqtol il-bhima u jqassamha fi tlett ishma: sehem wieħed ikun ta' Alla u dan jinħaraq fuq l-artal; sehem imur għall-qassis li offra s-sagrifiċċju, u jieklu hu u niesu; u sehem ieħor imur għal min ikun għamel is-sagrifiċċju u jieklu hu u l-familja tiegħu.

2. It-tempju kien wesgħa kbira mdawwra b'ħajt u loġoġ min-naħa ta' ġewwa. F'nofs dil-wesgħa kien hemm wesgħa oħra b'ħafna bini madwarha. Il-wesgħa l-kbira kienu jgħidulha l-bitħa ta' barra u l-wesgħa ż-żgħira kienet il-bitħa ta' ġewwa. Fil-bitħa ta' barra kien jista' jidħol kulħadd, imqar il-pagani; fil-bitħa ta' ġewwa kienu jidħlu n-nisa u l-irġiel, mifrudin minn xulxin. Aktar 'il ġewwa kien hemm bitħa żgħira,



*Kif kien it-Tempju ta' Ġerusalem fi żmien Kristu. Disinn magħmul mill-Inġinjier-Arkeolgu Franċiż De Vogüe, li jingħad li hu l-aħjar wieħed li sar s'issa.*

jgħidulha l-bitħa tal-qassisin u fiha kien hemm l-artal tas-sagrifiċċji. Aktar 'il ġewwa kien hemm biċċa bini maqsum fi tnejn. It-taqsima ta' barra kienu jgħidulha l-Qaddis, u fiha ħadd ma kien jista' jidħol ħlief il-qassis tas-servizz. It-taqsima ta' ġewwa kienet il-Qaddis tal-Qaddisin, jiġifieri l-aktar parti qaddisa tat-tempju u fiha ma kien jista' jidħol ħadd ħlief il-qassis il-kbir darba fis-sena.

3. Is-sagrifiċċji ma kenux kollha xorta waħda. Xi drabi l-vittma kienet tinħaraq kollha fuq l-artal, u ħadd ma jmissu xejn minnha; dan is-sagrifiċċju jgħidulu *olokawstu,* kelma Griega li tfisser 'maħruq kollu'. Dan kien l-aqwa sagrifiċċju. Sagrifiċċji oħra kienu jsiru għall-maħfra tad-dnubiet, jiġifieri ta' dawk id-dnubiet li wieħed ikun għamel bla ma ntebaħ jew minħabba d-dgħufija tan-natura tal-bniedem. Oħrajn kienu sagrifiċċji tas-sliem magħmulin minn min ikun ħabib ma Alla biex jiżżiħ ħajr, ifaħħru jew jitolbu. Minn dawn is-sagrifiċċji biċċa mill-vittma tmur għal min ikun għamel is-sagrifiċċju u jekolha fit-tempju hu u l-familja tiegħu.

4. Fil-festi u kull jum il-Lhud kienu joffru ħafna sagrifiċċji. Fuq is-sagrifiċċji naqraw fit-tul fi Ktieb il-il-Levitku.

Billi s-sagrifiċċju hu l-aktar ħaġa qaddisa f'kull reliġjon, ma nistagħġbux jekk il-Lhud kienu joqogħdu bl-akbar reqqa għal-liġijiet kollha ġejjin minn żmenijiet imbiegħda. Hija ħaġa tal-għaġeb li l-Lhud ta' wara Kristu u tal-lum ma għadhomx jemmnu bis-sagrifiċċji, u għalhekk il-lum u la għandhom sagrifiċċji u lanqas qassisin, għaliex, igħidu, dawn il-ħwejjeġ Mosè ħadhom minn reliġjonijiet oħra mhux taħomlu Alla. Is-sagrifiċċju jibda billi wieħed raġel iġib il-vittma tas-sagrifiċċju fit-tempju. Il-vittma jqgħedha tħares lejn il-punent, jiġifieri lejn il-Qaddis tal-Qaddisin. Imbagħad iqiegħed idejh it-tnejn fuq ras il-vittma bejn qrunha u jistqarr dnubietu u jitlob 'l Alla. Il-qassis joqtol il-vittma u jiġbor demmha ġo bieqja tal-fidda li mbagħad kien ixerrdu mal-erba ġnub tal-artal. Imbagħad il-qassis iqaxxar il-vittma u jqattagħha fi bċejjeċ. Il-ġewwieni u r-riġlejn jinħaslu u jitnixxfu, jitfgħulhom il-melħ fuqhom u jitfgħuhom fuq in-nar ta' fuq l-artal. Mill-inqas tminn qassisin kienu jagħmlu dax-xogħol.

Imbagħad isir it-talb mill-qassisin. It-talba kienet din: "B'imħabba kbira int ħabbejtna, Mulej, Alla tagħna, u b'kotra kbira ta' ħniena int ħennejt għalina. Missier u Sultan tagħna, għall-imħabba ta' missirijietna li ittamaw fik, u int għallimthom kif għandhom igħixu, ikollok ħniena minna u ifthilna għajnejna biex aħna nfaħħruk. Ikun imbierek il-Mulej li ħatarna bl-imħabba". Imbagħad kienu jinqraw l-għaxar kmandamenti u silta mid-Dewteronomju, li jgħidulha "Isma" u li kienet qisha l-Kredu.

Wara dan isir il-ħruq tal-inċens. Il-qassis bil-ministri jersaq lejn l-artal. Wieħed jimla ċensier bl-inċens u l-ieħor jieħu xi ġamar mill-artal u jitfgħu ġo bieqja tad-deheb, u jmorru fil-Qaddis. Huma u mexjin wieħed idoqq strument kbir u l-qassisin u l-leviti jibdew ikantaw. Il-qassis bil-ministri jitla t-taraġ tal-Qaddis u kif jidħol wieħed mill-ministri jqiegħed il-ġamar fuq l-artal tal-inċens, imbagħad malli jingħata s-sinjal il-qassis tan-nofs jitfa l-inċens fuq il-ġamar. F'dak il-ħin il-poplu kollu, li jkun fil-bitħa, jinxteħet fl-art b'idejh miftuħa jitlob fis-skiet.

Wara t-talb qassis ieħor jidħol fil-Qaddis u jixgħel il-lampi tal-gandlier, imbagħad flimkien mal-qassis tal-inċens jieqaf fuq l-aħħar targa li tieħu għall-bitħa tal-qassisin. Il-ministri joqogħdu maġenbu, u l-qassisin l-oħra jinġemgħu ħdejn it-tarag, isfel. Wara dan il-qassisin ta' fuq it-tarag tal-Qaddis igħollu idejhom u wieħed minnhom dak li jmexxi s-servizzi, ibierek il-poplu.

P. P. SAYDON

# DAWRA MAL-ART IMQADDSA

(*Jorbot mal-aħħar Għadd*)

*Il-Monasteru ta' santa Katarina.* Dak inhar stess li żorna l-muntanja ta' Sinaj, wara ikla u raqda, il-Patrijiet dawwruna l-Monasteru li jaħżen fih ġrajja ta' sittax-il mitt sena qawwija!

Li kieku kellna ngħidu l-ġrajja ta' dan il-Monasteru, konna nkunu għedna l-ġrajja tal-Monastiċiżmu tal-Lvant. Ngħidu kelmtejn fil-qosor.

Meta beda l-Monastiċiżmu, għal ħabta ta' tmiem it-tielet seklu u l-bidu tar-raba' seklu, ħafna mill-eremiti fettxew id-deżerti tas-Sirja, l-Eġittu, u s-Sinaj. Dan tal-aħħar kellu isem għalih, imħabba r-rabta tiegħu mal-iskrittura, l-aktar meta dak iż-żmien, wara l-paċi ta' Kostantinu, l-Insara bdew iż-żjajjar tagħhom lil Art Imqaddsa, fuq l-eżempju ta' santa Liena, li bdiet tibni l-knejjes biex tfakkar din, jew dik, il-ġrajja tal-Kotba Mqaddsa. F'Sinaj, l-eremiti l-ewwel ma nġabru kien f'Wadi Faran, minn fejn għaddejna. Hemm għadhom jidhru l-fdal tal-għarejjex ta' dawn il-Patrijiet u tal-Knisja Biżantina. Il-Għarab, u nies oħra tad-deżert, qatt ma ħallewhom bi kwiethom, u għalhekk kellhom idabbru rashom banda oħra, għall-anqas dawk li rnexxielhom jeħelsu mill-attakki tal-Bedwini. U marru lejn Sinaj.

Hawn fil-wied, fejn jinsab il-Monasteru, għadek tara ħafna egħrien fil-ġnub tal-iġbla. Hawn ukoll l-eremiti sabu l-inkwiet, u kellhom jaraw x'jagħmlu biex idabbru rashom. Hekk trawwam il-Monasteru tal-lum, u din hi r-raġuni għaliex mibni qisu fortezza.



*Is-Sarkofagu, jew tebut li fih jinsab il-fdal tal-ġisem ta' Santa Katarina, fil-Knisja tar-Rhieb Griegi Ortodossi, f'Ġebel Musa.*

Il-Monasteru tala' ma'dwar il-kappella antika, mibnija biex tfakkar iddehra t'Alla fil-għollieqa taqbad, lil Mosè. Meta nbniet sewwa, ma nistgħux ingħidu. Tgħid ukoll it-tradizzjoni (u ma hemm xej kontra tagħha, anzi ħafna·favur tagħha) li santa Liena bniet torri ħdejn din il-knisja, għal ħarsien tal-Patrijiet. Jista' jkun li hi stess waslet sa Sinaj, biex iżżur dak il-post imqaddes.

Fis-sena 530 wara Kristu, l-Imperatur Ġustinjanu dawwar din il-knisja bis-swar, u kabbarha u żejjinha. Fost ħwejjeġ oħra, l-arzella tagħha tinsab imżejna b'mużajk li jirrapreżenta t-Transfigurazzjoni. Il-fdal tal-Knisja l-qadima għadu jidher, wara l-artal il-maġġur, f'livell aktar 'l isfel.

B'dan l-isem baqgħet magħrufa din il-knisja sa kemm ma nġiebx fiha l-fdal tal-ġisem ta' santa Katarina, li mħabba fiha m'hux il-knisja biss, iżda l-Monasteru kollu ħa l-isem ta' santa Katarina. L-istorja hi din:

Santa Katarina kienet ħadet il-martirju fi żmien l-Imperatur Massiminjanu. Ħames mitt sena wara l-martirju tagħha, wieħed mill-Patrijiet ta' Sinaj kellu dehra li fiha kien imgħarraf li l-għadam ta' din il-Martri, jinsab fuq il-quċċata tal-muntanja, li l-lum iġġib l-isem ta' Ġebel Katrin, fejn kienu ġebuh l-anġli. Il-Patrijiet, meta saru jafu b'dan, telgħu fuq il-muntanja Sinaj. Dan il-għadam kien inixxi ż-żejt. Darba minnhom, meta Patri Xmun kien qiegħed jilqa' u jiġbor dan iż-żejt, tliett iswaba' nqatgħu mill-id tal-qaddisa, u l-Patri ħadhom u niżżilhom miegħu fil-Monasteru.

Ta' sikwit il-Patrijiet kienu jagħmlu żjajjar fl-Ewropa biex jiġbru xi ħaġa, u qatt ma kienu jerġgħu 'l ura b'idejhom battala. Darba waħda messu Patri Xmun imur l-Ewropa, ma' dwar is-sena 1026, u ha miegħu t-tliett iswaba' ta' santa Katarina. Dawn is-swaba' ppreżentahom lid-Duka ta' Normandija, u kienu merfugħa fi knisja ħdejn Rouen. Xterdet ix-xniegħa li dan il-għadam beda jagħmel il-mirakli, u b'hekk il-fama ta' Santa Katarina xterdet mal-Ewropa kollha. U bdew il-Pellegrinaġġi lejn il-Monasteru ta' Sinaj, li minn dik il-ħabta 'l hawn ha l-isem ta' santa Katarina. Il-Patrijiet, meta raw dawn il-Pellegrini kollha, niżżlu l-fdal tal-qaddisa minn fuq Sinaj u qegħduhom fil-knisja tagħhom, fejn għadhom sal-lum. Din hi l-ġrajja tal-knisja u tal-Monasteru fi ftit kliem, kif qalielna wieħed mill-Patrijiet, li kien jitkellem bl-Ingliż m'hux ħażin, qabel ma bdejna jdawwarna dal-bini l-antik.

*Il-knisja.* L-ewwel ma dħalna naraw kienet il-knisja, li kif għedna, tasal sal-ewwel sekli tal-Insara. Għaliha tinżel minn daqs ħmistax-il tarġa. Kif tidħol fiha ma tistax ma tibqax miblugħ. Fejn qabel ma kontx tara ħlief ħitan għerja għal kollox, mogħdijiet dojoq u mudlama, kmamar tal-Patrijiet, ċkejkna, imħarbta, u maħmuġa, issa tilmaħ f'daqqa waħda l-glorja ta' knisja tilma bl-isfar dehbi tal-mużajk, l-ilwien tal-pittura Biżantina, it-tlellix tad-deheb u l-fidded, u l-leħħa tal-irħam fl-art, kull imkien nadif tazza.

Hawn f'din il-knisja, il-Pellegrini li ġew ma' tulek ja żmien, ħallew it-teżori tagħhom. Għaddew Imperaturi, Slaten, Prinċpijiet, Nobbli, Kruċjati, fqar u għonja, għorrief u njuranti, kbar u żgħar, min għal ħaġa u min għal oħra, kull ħadd ħalla r-rifsa tar-riġlejn tiegħu. U din il-glorja

tinsab hawn, moħbija fid-deżert! Hija talba, tielgħa bla waqfien, lejn il-kobor tal-glorja t'Alla. Kollu minnu, li dan il-għana u l-ġmiel kollu, ma jżidlu xej lill-Alla l-Imbierek; iżda huma l-espressjoni tal-qalb tal-bniedem, li jħoss ix-xej tiegħu quddiem il-kobor bla tarf t'Alla. Il-Patrijiet, li ma jħabblux rashom kif ijżommu ruħhom, jew il-kmamar tagħom ijħabbluha sewwa kif ijżommu l-knisja fejn ijqattgħu l-biċċa l-kbira ta' jiemhom, jitolbu. U ta' bil-ħaqq: din hi ġawhra mitlufa fid-deżert, simbolu u xbiha tal-ġawhra l-oħra spiritwali, moħbija f'dik l-istituzzjoni Nisranija, li ilha għal mijiet kbar ta' snin iżżejjen il-knisja mqaddsa: il-Monastiċiżmu.

Inżilna l-iskal kollu, u bdejna nersqu 'l ġewwa fil-knisja. Aktar ma mmorru, aktar bdejna nħossu bħal xi ħaġa ta' misteru; quddiem għajnejk tara jgħaddu s-snin, u n-nies li ma' tulom ħallew lil djarhom u lil qrabathom biex ġew hawn iżuru dan il-post imqaddes. Inkella jgħaddu jiemhom fit-talb u l-penitenza. Kull fejn iddawwar wiċċek, lampieri tal-fidda jixgħelu, pittura biżantina mal-ħitan, mużajk mas-saqaf, l-aktar fl-arzella ta' fuq l-artal.

Il-knisja, bħal bażilki l-qodma kollha, hi mqassma fi tlieta: navi tannofs, mifruda miż-żewġ navi talġnub minn ringieli ta' tnax-il kolonna l-waħda. Kull waħda minn dawn il-kolonni għandha fiha l-fdal tal-Martri.

Il-knisja Griega, jkun fiha dik li jgħidulha *ikonostasis*, li m'hix ħaġa oħra ħlief ħajt li jifred is-santwarju mill-bqija tal-knisja, fejn ikunu n-nies. Ma' dan il-ħajt ikun hemm imdendla, jew impinġija, xbihat talqaddisin, fosthom ta' Kristu u tal-Madonna, li ma jonqsu qatt; il-Madonna bit-titlu fuqha ta' *Omm Alla*. Wara dan il-ħajt hemm l-artal, u fuqu l-arzella bil-mużajk, tat-Transfigurazzjoni ta' Kristu, magħmul fi żmien l-Imperatur Ġustinjanu. Mal-ħitan hemm mużajk li jirrapreżenta lil Mosè quddiem il-għollieqa tinħaraq, u ieħor Mosè wkoll, jilqa' l-Liġi minn għand Alla, fuq Sinaj.

Taħt il-mużajk tan-nofs hemm miktub: *Fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Dan ix-xogħol sar mill-Qassis Theodoru għas-salvazzjoni ta 'dawk li taw l-offerta tagħhom għalih, meta Lonġinu, Qassis qaddis kien Pirjol.* Hawn hu l-iskop tat-tiżjin tal-knejjes: glorja 'l Alla u s-salvazzjoni tal-erwieħ. Għanijiet oħra jħassru kollox.

Il-knisja hi mudlama, dana apposta, biex tieħu dik l-arja ta' misterjuża, li ma tistax ma tiġbrokx fil-Mulej.

'Il ġewwa, fil-lemin, ma' ġenb l-artal, hemm il-fdal tal-ġisem ta' santa Katarina merfugħ f'sarkofagu tal-fidda, fuqu disa' lampieri, tal-fidda wkoll, jixegħlu. Qabel ma fetħilna s-sarkofagu biex naraw x'hemm ġewwa, il-Patri xegħel ix-xema'. Kif neħħa l-għatu, bqajna skantati b'li rajna: żewġ kaxxi tad-deheb mastizz; f'waħda kien hemm katavru mgħobbi u mżejjen b'għadd kbir ta' ċrieket miżgħuda b'ħaġar prezzjus, rubini, djamanti, fided u deheb. Hawn tinsab santa Katarina midfuna fil-ġawhar, xhieda tal-imħabba talfidili lejn din il-qaddisa, li xegħlet l-immaġinazzjoni tal-Ewropa u l-Lvant għal mijiet ta' snin sħaħ.

Minn hawn il-Patri ħadna l-kappella tal-Għollieqa taqbad. Din hija l-eqdem biċċa tal-knisja, li tasal sa l-ibgħed żmenijiet. Qabel ma dħalna,

kellna nneħħu ż-żraben — tiftakru li meta Mosè ried jersaq jara x'kienet il-għollieqa tixgħel, Alla amar għalih li jneħħi l-qorq, għax dik kienet art qaddisa; hekk għamilna aħna. Ġewwa tilmaħ artal, taħtu tliet lampieri jixegħlu fuq pjanċa tal-fidda li timmarka fejn hu l-post fejn kienet il-għollieqa. Il-kappella hi kollha kemm hi mudlama, għal kollox, il-Patrijiet jgħidu li darba fis-sena biss ix-xemx jirnexxilha tidħol f'din ir-rokna.

Fl-aħħar ħriġna mill-knisja — knisja li kif għedna hi mistura fid-dalma li timlieha, dalma li tnissel sens ta' biża' quddiem il-glorja ta' Kristu trasfigurat, u fl-istess ħin ta' ġabra fil-kobor bla tarf t'Alla l-Imbierek; dak Alla li f'dan il-post mexxa tarġa 'l quddiem il-pjan tas-salvazzjoni tagħna l-bnedmin.

DUN KARM SANT.

# "FIRXA" JEW "FARXA"?

F'dan il-Qari ġie li ktibna xi kelma fuq ix-xebh li hemm bejn il-lsien Arâmi, li bih kien jitkellem Ġesù (u n-nies tal-Palestina fi żmienu), u l-Malti. Issa hawn sa naraw ħaġa oħra li turi x-xebh bejn il-Malti u l-Arâmi, u ħin wieħed turi wkoll li l-Ewwel Evanġelju li nkiteb, kien tas-sew bl-Arâmi, m'hux bil-Grieg.

Aħna l-Maltin għandna l-verb: *firex, jifrex* (u *ferrex, ijferrex*), li jfisser: *tonxor, tfettaħ*, jew *tistendi* xi ħaġa. Dik il-biċċa drapp li tidden-del quddiem bieb, (il-purtiera), nis-tgħu ngħidu li hi *firxa*, għax tkun *mifruxa*, m'hux imkebba; mifruxa, biex min ikun barra ma jarax mill-bieb 'il ġewwa x'hemm.

U aħna, bil-Malti wkoll, bħal xkaf-fa fuq il-bieb (ta' dari, għax daż-żmien qajla baqa' minnhom, għajr f'xi bieb qadim għall-aħħar), ngħidul-ha *farxa*. Ara l-qawl: "Għal Milied arfa' buqek fuq il-*farxa* tal-bieb".

Mela, hawnhekk, bil-Malti għandna żewġ kelmiet: "firxa" u "farxa", li waħda tista' tfisser *purtiera* biex tgħatti l-bieb, u l-oħra tfisser *għuda*, jew ħaġra ċatta, li tkun min-naħa għall-oħra, fuq il-bieb.

It-tliet Evanġelisti Sinottki għand-hom miktub li waqt li miet Ġesù, il-*purtiera* tat-Tempju, jiġifieri l-*firxa* (bil-Grieg: *katapetasma*), inqasmet min-nofs, minn fuq s'isfel, fi tnejn. (Mark, XV, 38; Matt. XXVII, 51; Luqa, XXIII, 45). Imma san Ġlormu jgħid li fl-Evanġelju tal-Għebrîn, li hu qadim daqs l-Evanġelji Kanonki, u li san Ġlormu n-nifsu kien jaħseb li hu kien l-Evanġelju oriġinali li kiteb san Mattew, kien hemm miktub li m'hux *il-purtiera* nqasmet, imma *l-farxa*, ji-ġifieri l-blata ta' fuq il-bieb, li kienet kbira għall-aħħar (San Ġlormu, "Itri lil Hedibja". Ara l-ktieb "Apocriphal N.T." Ta' Montague James).

L-Arâmi kien jinkiteb mingħajr vokali, u minn dan l-iżball li ttieħed jidher ċar li l-kelma fl-Evanġelju ewlieni kienet miktuba FRXA; għal hekk kien hemm min qraha *firxa*, purtiera, u min qraha *farxa*, blata ta' fuq il-bieb.

Ħa li jagħmel imlieħ li l-għâtel, ka man jadwi xamgħa lix-xitan. *Min jagħmel il-ġid lil ħażin, bħal wieħed li jixgħel xemgħa lix-xitan.* Jekk tagħmel il-ġid lil bniedem ħażin, b'dak il-ġid li għamiltlu, jara kif jinqeda biex jagħmel il-ħsâra lilek jew lill-għajrek.

# IL-HALLIEL IT-TAJJEB

*(Leġġenda tal-Palestina, ftit mirquma)*

In-naħa ta' Hebron, fi żmien is-sultan Erodi, kien hemm raġel aħrax u ta' qattagħni, rajjes ġemgħa serraqîn, li kien id-diqa u l-beżgħa ta' kull ħadd. Għal snin, jagħmlu x'jagħmlu, ma setgħux jaqbduħ imma fl-aħħar nasbulu nasba tajba, u ħafnuh f'idejhom, u l-imħallfin ta' Erodi qatgħuhielu għal mewt.

Dan is-serrâq kien miżżewweġ u kellu tifel imfarfar, jismu Disma, u lejliet mewtu talab li jarah u jkellmu ftit. Ġebuhulu, u kif kienu weħedhom, il-missier, 'l ibnu, qallu dan il-kliem: "Ibni, int taf li jien għada għandi mmut. Qis mela li tagħmel li sa ngħidlek jien, issa, li qiegħed inkellmek għall-aħħar darba. Għada la toħroġx mid-dar; u meta tiġi ommok minn barra u tħabbrek li jien mitt, aħlef li minn dak il-ħin 'il quddiem trid tgħix minn bdieli. Għal hekk, qis li meta tikber ftit ieħor, tagħmel dak li kont nagħmel jien kieku bqajt ħaj; jiġifieri: tfittex li teqred lil dawk kollha li kellhom sehem, kbir jew żgħir, fil-qbid u l-qatla tiegħi!"



*"... it-tifel, malli ra 'l Disma, tbissimlu u medd idu lejh.."*

Hekk għamel Disma, tas-sew, meta kiber. Wieħed-wieħed qatilhom qishom kollha lill-egħdewwa ta' missieru. Imma mbagħad in-nies bdiet taħseb ħażin fih u s-suldati ta' Erodi xeħtu għajnejhom fuqu; għal hekk, ġabar miegħu daqqa ta' xi tletin oħra, żgħażagħ ħorox bħalu, u telaq siksnijiet lejn ix-xôri li hemm bejn il-Palestina u l-Eġittu, u sabu għar f'ras ta' għolja u qagħdu jgħammru fih. U kienu joqogħdu għassa, u malli jaraw xi karwana għaddejja, jinżlu u jaħbtu għaliha, u jeħdulha l-aħjar li jkollha. U min jerħilhom, huma wkoll kienu jerħulu, imma lil min jeqfilhom, joqtluh.

Għodwa waħda, bikri, ir-raġel li kien għassa f'ras il-għolja, ħada bieb il-għar, lemaħ ġejjin tnejn min-nies, li meta qorbu għaraf li kienu raġel xiħ u mara żagħżugħa. Ix-xiħ kien miexi quddiem, rasu mgħaddsa, jiġbed warajh il-ġiem ta' ħmar (jew ħmara x'kienet), li kien imgħobbi bi xkora fuq dahru u żewġ bxiekel imdendla ma' ġenbejh. Il-mara kienet

miexja wara, u fi ħdanha, taħt l-istar, jidher li kellha xi ħaġa. Il-għassies, biex jiċċajta għajjat lil Disma u qallu: "Mgħallem, ejja ara x'karwana għaddejja! Ejja ħares daqs xej!" Disma ġie u baqa' mistagħġeb. "Dan x'ijkun tagħhom?" qal. "Tnejn min-nies, għaddejjin weħedhom minn waħx bħal dan!" U mbagħad raġa': "Ħalli ninżel nara, għalli jista' jkun." U niżel. U kif qorob lejhom għajjat: "Ieqaf hemm, raġel, għax irrid inkellmek!"



"... Mulejja... iftakar fija... meta tiġi f'Saltnatek..."

Ix-xiħ waqaf, u waqqaf il-ħmara, u l-mara wkoll waqfet. Dimsa resaq u saqsa lix-xiħ: "Hemm x'għandek f'dik ix-xkora?" "Għandna l-ħtiġiet tagħna," wieġbu x-xiħ. "Żewġ imħaded, erba' ħlafiet, u żewġ ilbiesi, libsa tiegħi u libsa tal-mara. Hemm ukoll ftit ħrieqi u qmejsiet tat-tifel. U fil-qiegħ hemm ftit għalf għal bhima. U hawn, fil-bxiekel, ara x'għandna," qal ir-raġel, kif neħħa ta' ġewwa fihom u qegħdu fl-art. "Żewġ ħbejżiet; tliet tuffieħât, żir ilma, ftit żbib u ftit tin imqadded". "Dan biss għandkom x'tieklu?" saqsa Disma, kif qabad il-bieqja biżżbib u ħares lejhom. "Imma, qabel xej," raġa', "Fejn sejrin weħedkom, u għal fejn tlaqtu bikri hekk?"

"Sejrin l-Eġittu," wieġeb ix-xiħ, "U tlaqna dal-lejl minn Betlehem, fid-dlam u bil-għaġla. Għax Erodi jrid joqtlilna t-tifel! Jibża' li jsir sultan, minn bdiel uliedu!" Disma ħares ma' dwaru u saqsa: "Fejn hu dat-tifel?" u x-xiħ wieġbu: "Hemm, fi ħdan il-mara. Mirjam," qalilha, "ħalli lil dar-raġel jara t-tifel daqsxej". Mirjam kixfet l-istar, u deher tifel żgħir, ta' xi ftit fuq sena, qawwi u bajdani, li malli ra lil Disma, tbissimlu u medd dirgħajh lejh. "Ara! Ijrid jiġi għandi, " qal is-serrâq daħkani. "Ġibu għandi, ħalli nżommu naqra jien." U ħadu fuq drieghu u beda jmellislu xagħru. Imbagħad qal: "Lil dan ijrid joqtol Erodi? Ma tifel ċkejken ukoll, dak id-dib, ijrid juri kburitu? Ma joħroġ qatt waħdu, Erodi, ħej! Kieku m'għadux fid-dinja!" Imbagħad ħares lejn Mirjam u saqsieha: "X'jismu dat-tifel?" "Jismu Ġesù," wieġbet hija. "Kif inhu mxarrab bil-għaraq, jaħasra!" raġa' Disma. "Kemm qiegħed ijħoss sħana!"

U kif qal hekk, saffar tisfira; u wara naqra minn wara blata feġġet mara. "Sara", qalilha, "ħu d-dar lil dawn in-nies, u ara jeħtiġux xi ħaġa. Agħti l-ilma lil din il-mara ħalli taħsel it-tifel, għax mifni bis-sħana. Issa nibgħatlek raġel ħalli jarġa' jimlielek." U newwel it-tifel lill-ommu u qabad sejjer. "Eġa!" għajjat warajh iċ-ċkejken; u Disma dar, imbissem, u qallu: "Ma nistax niġi issa, għax għandi x'nagħmel. Niġi mbagħad!" U qabad it-telgħa u għab bejn il-blat.

Sara, mart Disma, imxiet quddiem, u xejjret b'idha lejn ix-xiħ u Mirjam, biex ijmorru wrajha. Għaddew min qalb qatiegħ tiksir, u sabu ruħhom ġewwa bħal bitħa mdawra bil-blat għoli, u quddiemhom għar. Ftit 'il ġewwa minn bieb il-għar kien hemm ħaġra mħaffra, qisha ħawt li ġewwa fiha Sara ferrgħet ġarrtejn ilma, u



*San Disma, Ħalliel Niedem.*

qalet lil Mirjam biex tbaħbaħ lit-tifel fiha. Mirjam neżżgħet il-qmejsa lit-tifel u qegħditu bil-qegħda fil-ħawt tal-ilma, ċar u biered, tbaħbaħlu sidru u dahru, u tberridlu għonqu u wiċċu b'idejha, u hu bil-ferħ, beda jferfer idejh u saqajh fl-ilma. Kif Mirjam tellgħet lit-tifel mill-ilma, u kienet qegħda tixxuttah b'ħarqa nadifa, intebħet li Sara kienet tolfoq u timsaħ id-dmugħ minn għajnejha.

"Xi ġralek, Sara?" saqsietha Mirjam.

"Qegħda naħseb f'ibni!" weġbitha. "Marid wisq, u dal-waqt imutli. Hemm, ara, ħaffirt il-ħofra biex nidfnu fiha. Ma naħsebx li jwassal sa għada!" Mirjam newwlet it-tifel lix-xiħ, li kien hemm wieqaf, u qalet lil Sara: "Mur ġibu hawna. Alla ħanin, u kollox jista' ". U Sara marret u ġiebet lil binha milfuf f'ħarqa. Kixfitu, u deher il-ġisem tiegħu, ċkejken, ijġib ħniena. Mimli bi dbabar koħol, u fihom ġarab, bħal ġidri, inixxi l-ilma ħamrani. Kien jingħi u jokrob, kemm-kemm jistama'. Mirjam ħadet l-imsejken minn idejn Sara, niżżlitu fl-ilma fejn kienet ħaslet lil binha, u bdiet iċċaqlaq xuftejha, donnha qegħda tgħid xi talba. Dak il-ħin, kif kien fl-ilma id-dbabar il-koħol bdew jibjadu, il-ġarab jiċkien u jitfarfar, u jinżel minnu frak sewdieni, donnu ħamrija. Mirjam refgħet it-tifel mill-ilma, li ġismu deher abjad u safi u qawwi, donnu figla! Sara tara dan, indehxet. Qabdet sa titlaq 'il barra tgħajjat lil żewġha, imma Mirjam żammitha. U talbitha ma tgħajjatlux, anqas tgħidlu dak il-ħin li binhom issaħħaħ, li jewilla ma jżommhomx hemmekka, għax kien jeħtieġ li jmorru l-Eġittu. Għal hekk, Jusef, ix-xiħ, u Mirjam, biċ-ċkejken Ġesù telqu u Sara baqgħet b'binha fuq driegħha, bħal mifxula, tħares lejhom, sa kemm deħru donnhom tikka, fuq wesgħa ta' ramel, u fl-aħħar għebu għal kollox.

* * *

Minn din il-laqgħa tal-kbir u aħrax Disma maċ-ċkejken u ħelu Ġesù, kie-

ħu għaddew xi ħaġa taħt it-tletin sena. Kien lejliet Għid il-Kbir tal-Lhud, nhar ta' Ġimgħa, wara nofs inhar. Is-sema tal-Palestina mgħotti b'kisja ta' sħab, donnu ċpar aħmar-sewdieni; Irtuba u għakar. Bil-kemm wieħed kien jista' jieħu n-nifs sewwa. Pilatu, il-Ħakem Ruman, kien lil Lhud ħejjiehom għal festa b'xalata li twaħħax: il-qtil, bit-tislib, ta' tliett irġiel. Tnejn qabduhom is-suldati Rumani, għax kienu serraqîn, u wieħed qabduh il-Lhud, għax qalu li ried isir sultan. Hemm kienu, t-tlieta: msammra ma' tliet slaleb, fuq il-blata tal-Golgol, f'nofs is-suq ta' quddiem Bieb iż-Żâwja, Ġerusalem.

Is-suq kien mimli bin-nies, l-aktar Lhud ta' barra li kienu marru għal Għid. Kollha jħarsu lejn l-imsallbin. Kotra minnhom siekta, u oħrajn jitħadtu b'leħen baxx, wieħed mal-ieħor. Imma qrib il-blata sewwa, quddiem l-imsallbin, kien hemm ġemgħa ta' qassisin u kittieba u xjuħ tal-Liġi, uħud minnhom bil-leħja bajda jew xeħba, jiddieħku bejniethom, u jħarsu lejn l-imsallab tan-nofs. Kienu jitħaddtu u jgħajjtu, ħalli jismagħhom huwa, u jgħidu: "Hemm hu, issa! Ħalli juri setgħetu, jekk inhu tas-sew Iben Alla! Għax ma jaqlax saqajh u jdejh mis-salib u jinżel minn hemm? Qal li jista' jġarraf it-Tempju u jibnih fi tliett ijiem, u ma għandux ħila jinqala' minn tliet imsiemer?"

L-imsallab tan-nofs, il bih kienu qegħdin jitmasħru, kien b'rasu mitluqa fuq sidru, u li ma kienx sidru tiela' u nieżel man-nifs, kont taħseb li kien mejjet. Is-serrâq tax-xellug, il-ħin kollu jdawwar rasu 'l hawn u 'l hemm, ijberraq għajnejh u jqarmeċ snienu. Is-serrâq l-ieħor, tal-lemin, donnu niesi l-uġiegħ ta' ġildu, misluħ u mbenġel, u l-imsiemer li msammar bihom, ta' kull ħin iħares lejn l-imsallab tan-nofs u jaħseb. "Min jaf hux hu?" kien għiejed jgħid bejnu u bejn ruħu. "Dak ukoll kien jismu Ġesù... naf, għax qaltli ommu... lil dak Erodi ried joqtlu għax baża' li jsir sultan... u għal dan ukoll qalu li jrid isir sultan. Tgħid dan hu?... Tgħid irġajna ltqajna?... Hu kien għajjatli, u qalli: 'Ejja', jien u sejjer lejn il-għar, u jien għedtlu: 'Imbagħad niġi'... u għandi nkun issa ġejt għandu bla ma ridt, u bla ma kont naf... Tgħid inkellmu?... Imma x'naqbad ngħidlu?..."

Dak il-ħin is-serrâq tax-xellug qal b'leħen ta' għadab: "Ja... isma' x'inhuma jgħidulek! Jekk int tas-sew il-Messija, eħles lilek in-nifsek u lilna!" Il-ħalliel l-ieħor, jisma' dan, għolla leħnu u qal lil sieħbu: "Istħi, tgħid kliem bħal dan lil wieħed fi-aħħar ta' ħajtu. Anqas issa ma tibża' m'n Alla? Aħna ħaqqna għal li għamilna, imma dan ma għamel ebda deni!" U jara lill-imsallab tan-nofs idawwar wiċċu lejh, qallu bil-ħniena: "Mulejja, iftakar fija, meta tiġi f'saltnatek!" u l-imsallab tan-nofs, b'nifsu maqtugħ, imma b'leħen ċar wieġbu: "Emin, ngħidlek: il-lum tkun il-ġenna miegħi!"

U hekk, il-ħniena li kellu moħbija fil-qiegħ nett ta' qalbu Disma s-serrâq, għelbet is-serq kollu li kien seraq, u l-qtil kollu li kien qatel f'għomru, u ġiegħlitu jagħraf ħtiejietu u jindem minnhom u jaqla' l-maħfra tagħhom, minn għand ħadd ieħor għajr is-Sid Waħdani tal-art u s-sema, u rebbħitu l-ħajja ta' dejjem!

*Qostandi*

# GHALIEX IL-KALVARJU JGHIDULU MUNTANJA

Kull min imur iżur lil Ġerusalem, jibqa' mistagħġeb meta jsib li l-Kalvarju, fejn salbu lil Ġesù ma hux muntanja; għax muntanja tkun għolja ħafna, imma l-Kalvarju ma hux għoli ħlief xi ħmistaxer xiber, mill-art. La darba huwa hekk baxx, għaliex nisimgħuhom jgħidu li hu muntanja? Muntanja ma tkunx għolja ħmistaxer xiber, imma mijiet jew eluf ta' xbar!

Jekk niftħu l-Evanġelju, li hu l-ewwel ktieb li jsemmi l-Kalvarju, ma nsibux imsemmi muntanja; insibu miktub: "... u ġew f'*imkien* jgħidulu Golgota, jiġifieri l-*imkien* tal-qorriegħa, u hemm sallbuh" (Matt. XXVI, 33; Mark, XV, 22; Ġwann, XIX, 17, 41). Billi l-isem *Golgota* bil-Grieg miktub *Kranion*, li tfisser *ras ta' mewt*, hi ħaġa li tiġi minnha li dak li jkun jaħseb f'xi blata ftit għolja u mdawwra, biex tkun tixbaħ lill-għadma tal-qargħa tar-ras. U għandu jkun



*Dehra tal-Kalvarju kif kien fi żmien Kristu, kif kien jarah min iħares minn fuq is-sur li jidher fl-istampa l-oħra. Jidhru wkoll il-qabar ta' Ġużeppi t'Arimatija (bi tliet bibien, fir-rokna) u l-ġnien tiegħu, bis-siġar. Il-qabar bil-bieb wiesa', bejn is-siġar, hu dak li difen fih lil Ġesù. Il-Qabar ta' Kristu, u biċċa mill-qabar ta' Ġużeppi, u l-bir, li jidhru fl-istampa, għadhom jinsabu ġewwa l-Bażilka.*

li l-imkien tal-Kalvarju, fil-qedem xi ħaġa hekk kien jixbah, għax in-nies ta' Ġerusalem għadhom sal-lum, innaħa ta' fejn hemm il-Kalvarju jgħidulha: *Er-Ras* (ara Père Vincent O.P., fil-ktieb tiegħu: "L'authenticitè des Lieux Saints", faċċata 58).

Kif jgħidu kittieba ta' madwar żmien Kristu (ara Ċiċerun: "In Verrem" V, 66; u Taċtu: "Annales", XV, 44), ir-Rumani kienu mdorrijin jagħżlu għat-tislib tal-ħatja x'imkien fejn jidher ħafna, biex b'hekk ibeżżgħu lin-nies u jbiegħduhom minn egħmil il-ħtija. F'Ruma nfisha, il-qtil tal-ħatja kien isir barra mill-bieb tal-belt li jgħidulu *Porta Esquilina* (ara Ricciotti: "Vita di Gesù Cristo", faċċata 729). U kif jurina l-Evanġelju, il-għażla tal-imkien għat-tislib ta' Ġesù u l-ħallelin, saret kif kienet titlob id-drawwa Rumana, għax l-imkien tal-Golgota kien kif toħroġ minn wieħed mill-bibien ta' Ġerusalem (ara Mark, XV, 21; Ġwann, XIX, 20, u l-Ittra ta' san Pawl lil Għebranìn, XIII, 12). U ara kemm ma kienx għoli l-imkien li sallbu fih lil Ġesù, li waqt li hu kien imsallab, in-nies, mittriq, setgħu jaraw u jaqraw sewwa l-kitba li kienet fuq ir-ras tas-salib: u l-Qassisin u l-Kittieba bdew jgħajjru lil Ġesù biex jismagħhom waqt l-agonija. (Mark, XV, 29, 32). Għal



*Il-Kalvarju kif kien fi żmien Kristu, kif kien jarah min iħares minn fuq il-blat il-maqtugħ li jidher fl-istampa l-oħra. Jidher is-sur u l-bieb tal-belt. Il-bieb baqa' fdal tiegħu fid-Dejr tar-Russi, u s-sur insab is-sies tiegħu taħt l-art fl-1869, meta kienet tinbena l-knisja tas-Salvatur tal-Protestanti Ġermaniżi.*

hekk jiftiehem sewwa li l-Kalvarju ma kienx muntanja, imma tumbata mdaqqsa tal-blat, ftit xbar ogħla mill-art, quddiem il-bieb tal-belt.

Kif jgħid Ewsebju ta' Kajsarija (ara Migne: *Patrologia Graeca*", 20, 1085) meta l-Imperatur Hadrijânu tanja, u anqas ma jista' jkun li muntanja tkun ġewwa rokna ta' sur, ħada bieb ta' belt. Il-Kalvarju dam mirdum hekk qisu mitejn sena, sa kemm marret Ġerusalem santa Liena u qabbdet lil ħaddiema jerġgħu jikxfu lilu u l-qabar ta' Kristu wkoll.



*Ġerusalem — kemm hu għoli l-Kalvarju. Il-quċċata tal-Blata tal-Kalvarju qegħda livell mal-balavostri li jidhru f'din l-istampa, wara l-kandlieri l-kbar.*

raġa' bena Ġerusalem (għax Titu bin Vespasjanu kien ġarrafha kollha fis-sena 70), il-Kalvarju mal-qabar ta' Kristu, radmu, u fuqu għamel setaħ tat-torba u fih ħawwel is-siġar u ħatru għal qima tal-allât. Issa, Hadrijânu ma jistax ikun li radam mun-

Għal ħabta tas-sena 390, jiġifieri ftit snin wara żmien santa Liena, waħda mara tajba jisimha Eġerja, marret iżżur lil Ġerusalem, u kitbet kif kienu jsiru l-ħfieli, jew *ċerimonji*, fil-Bażilka l-ġdida. Din ma ssemmix il-Kalvarju b'ismu, imma ssemmi

biss, *ante crucem*, u *post crucem* jiġifieri: *quddiem is-salib*, u *wara s-salib*, għax fuq it-tumbata tal-Kalvarju, fil-ħberaħ, fil-bitħa li kien hemm fil-ġenb tal-Bażilka, kienu waqqfu salib kbir, miksi bil-fidda. U muntanja ma tistax tkun ġewwa bitħa ta' knisja, ħux ta' bilħaqq? Wieħed żawwâr minn Bordeaux li mar ijżur lil Ġerusalem fis-sena 333, lil Kalvarju jsemmih *monticulus*, jiġifieri *tumbata*. Żawwâr ieħor, jismu Ewkerju, għal ħabta tas-sena 440, lil Kalvarju jsemmih *rupis*, jiġifieri *blata*.

L-ewwel darba li l-Kalvarju jissemma *mons*, jiġifieri *muntanja*, hi fi ktieb miktub qrib is-sena 530, jiġifieri fis-seklu sitta, ktieb li jgħidulu l-*Brevjaru ta' Ġerusalem*. Imma ftit wara dal-ktieb jgħid ukoll li l-Kalvarju kien imdawwar b'xatba tal-fidda; jiġifieri: għad li l-ktieb ijsemmi lil Kalvarju *muntanja*, ma kienx muntanja, għax li ddawwar muntanja b'xatba tal-fidda hi ħaġa li ma tistax tkun, kif jista' jifhem kull ħadd. Imbagħad Teodosju lil Kalvarju jsemmih *muntanja* ħames darbiet wara xulxin. Mela l-Kalvarju beda jissemma *muntanja* fis-seklu sitta.

Imma la darba l-Kalvarju ma hux ħlief blata mdaqqsa, kif inhi li fis-seklu sitta bdew jgħidulu *muntanja*, waqt li kienu jafu li ma hux?

Bħal ma għadna kif rajna, l-ewwel darba li jinsab miktub l-isem tal-Kalvarju *muntanja*, kien fis-sena 530, f'kitba li min kitibha kien jaf lil Ġerusalem, u għal hekk kien jaf sewwa li l-Kalvarju ma kienx muntanja. Il-għaliex semmewh hekk, waqt li kienu jafu li ma hux hekk, donnu jidher malajr għax iż-żewġ dokumenti jgħidu wkoll li l-Kalvarju kien *Mons Domini*, jiġifieri *l-Muntanja t'Alla*, li tissemma fil-Kotba Mqaddsa, li fuqha Abraham tala' biex jidboħ lil ibnu Isħak. Li l-isem ta' muntanja lil Kalvarju kien mogħti b'tixbiħa, jidher ċar, għax li muntanja tkun f'nofs ta' belt, ġewwa bitħa ta' knisja, u mdawwra b'xatba tal-fidda, hi ħaġa li ma tistax tkun.

Mela, donnu jidher li mit-tixbiħa ta' Abraham mal-Missier Etern, li dak tal-ewwel debaħ bix-xewqa lil ibnu Isħâk fuq il-Muntanja Mqaddsa għal ġiħ t'Alla u l-ieħor ħalla li jindebaħ Ibnu, Ġesù, għas-saħħa ta' Wlied Adam, tnisslet ukoll it-tixbiħa tal-Kalvarju mal-Muntanja Mqaddsa; u bil-ftit il-ftit, tul ħames mitt sena, il-Kalvarju, muntanja tat-tixbiħa, ittieħed bħala muntanja ta' bil-ħaqq.

P. ANT. OLIVAN, O.F.M.

# IT-TISLIMA TAL-ARTAL.

Il-Qassis Sirjan jew Maroni, wara li jqaddes, qabel ma jinżel minn fuq l-artal, isellimlu b'dan il-kliem sabiħ:—

"Ibqa' hawn bis-sliema, ja Artal imqaddes tal-Mulej. Ma nafx jekk għadx narġa' niġi fuqek. Ibqa' hawn bis sliema, ja Artal qaddis, Artal tal-maħfra. Il-Ġisem u d-Demm li ħadt minn fuqek, ikun għal maħfra ta' dnubieti u għal ħelsien tiegħi, meta nidher quddiem il-Maqgħad tal-Ħaqq tal-Mulej, Alla l-Ħaj, għal dejjem. Ibqa' hawn bis-sliema, artal Imqaddes, Mejda tal-Ħajja, u itlob għalija quddiem il-Mulej Ġesù Kristu, biex jien dejjem inżommu f'moħħi u fi ħsiebi, issa u għal dejjem ta' dejjem. Amen.

# IL-QABAR TA' SAN GAKBU FIL-WIED TA' KEDRON

L-aħħar darba rajn x'kiteb Ewsebju ta' Kajsarija fuq il-mewt u d-difna ta' San Ġakbu; kitba li hu ħadha minn fuq tnejn min-nies: Flavju u Eġesippu; tal-ewwel, Flavju, semma sewwa ż-żmien li fih San Ġakbu kien maqtul (bejn il-mewt ta' Festu, il-ħakem Ruman tal-Jehudija u l-wasla ta' Albinu, li laħaq warajh; mela fis-sena 62), u tat-tieni, Eġesippu, semqal ukoll li San Ġakbu kien midfun qrib it-Tempju fejn kien imħaġġar, u li l-piramda ta' fuq qabru, damet wieqfa hemm sa żmien l-Imperatur Hadrijanu (1). Li qal san Ġlormu jiswa ħafna, għax minnu jingħaraf li għal ħabta tas-seklu IV, meta għebet il-piramda ta' taħt il-kantuniera tat-Tempju, il-qabar ta' San Ġakbu beda jitwera fil-ġenb l-ieħor tal-wied



*Ġerusa'em, Wied ta' Kedron. Jidhru, fil-bgħid, il-qabar ta' Beni-Heżir, u l-Piramda tiegħu, li taħtha kien midfun il-ġisem ta' San Ġakbu.*

ma fejn u kif dal-qaddis inqatel u ndifen. Il-lum sa naraw xi ħaġa fuq iż-żewġt oqbra ta' San Ġakbu, l-aktar fuq dak il-qabar minnhom li għadu kemm raġa' nkixef, ġewwa l-Wied ta' Kedron, qrib Ġerusalem.

San Ġlormu (331-420) gemgem li fi żmienu xi Nsara kienu jemmnu li San Ġakbu kien midfun f'Ġebel iż-Żejtun (*in montem Oliveti*), u żied jgħid li l-fehma tagħhom kienet imqarrqa u fi djul il-muntanja li jgħidulha Ġebel iż-Żejtun. U dan li qal San Ġlormu hu minnu għax dawk in-nies li marru jżuru l-Palestina ftit wara daż-żmien isemmu dejjem il-qabar ta' San Ġakbu f'xifer il-muntanja. Hemm kitba qadima ta' wieħed jismu Teodosju li tfiehem kif kienu jaħsbu n-nies ta' dik il-ħabta u hekk saret din il-bidla min-naħa l-waħda għall-oħra tal-wied (2). F'din il-kitba Teodosju jgħid li

l-quċċata tat-Tempju li min fuqha l-Lhud xeħtu lil San Ġakbu, kienet ix-xewka jew kantuniera tas-sur Qibli-Xerqija (south-eastern) li tagħti għal fuq in-naħa li kienu jgħidulha l-Ofel; imma l-qabar li kienu jemmnu ż-żawwarin huwa l-piramda kbira maqtugħa mill-blat, imsemmija l-lum il-*qabar ta' Żakkarija*, li tmiss mal-katakombi żgħir tal-oqbra ta' Beni-Hezir.

Imma x'kienet sewwa l-istorja ta' dil-bidla? L-istorja hija din li sa ngħidu hawnhekk.

l-wied, kemm joqogħdu, u bdew jgħixu hemm ukoll. Ġara li wieħed minn dawn l-Eremiti, jismu Epifanju, li kien jgħix f'girna, ħolom li qiegħed jara lil San Ġakbu li amarlu li jħaffer taħt girnietu, u jaqla' minn hemm il-għadam tiegħu (ta' San Ġakbu) u ta' żewġ qaddisin oħra: San Żakkarija u San Xmun. Epifanju meta qam fil-għodu, billi dik ma kenitx biċċa xogħol li sata' jagħmilha waħdu, mar għand l-Isqof Ċirillu, ta' Ġerusalem, u qallu x'kien ħolom, u talbu jibgħat in-nies biex jagħmlu x-xogħol. Imma



*Ġerusalem, Wied ta' Kedron. Jidher il-qabar ta' Beni-Ħeżir, u ftit 'il hawn minnu il-Piramda ta' Żakkarija, li taħtha nsab il-qabar ta' San Ġakbu. Tidher bit-taraġ tagħha mgħotti bl-oqbra tal-Lhud, kif kienet qabel ma sar it-taħfir.*

Wara żmien Kostantinu, il-Wied ta' Kedron (jew il-Wied ta' Ġosafat, għax dawn żewġ ismijiet, imma huma wied wieħed) imtela bl-Eremiti. Għax hemm jinsabu għadd ta' oqbra qodma tal-Lhud, imħaffra fil-blat wieqaf, u l-Eremiti sabuhom lesti u marru joqogħdu fihom. Oħrajn, imħajjrin minnhom bnew grieni żgħar, ġewwa

l-Isqof Ċirillu ma emmnux u ħasbu li kien qiegħed iħoss rasu. Għalhekk keċċieħ minn quddiemu u wissieħ li ma jarġax imur 'l hemm.

Il-lejl ta' wara Epifanju raġa' ħolom; u fil-ħolma San Ġakbu qallu: "Naf li l-Isqof keċċiek u ma riedx jemmnek, imma taqtax qalbek għal daqs hekk. Ara x'għandek tagħmel:

mur sa Elewteropli (3), saqsi għal wieħed għani, mixhur, jismu Pawlu, u meta ssibu, għidlu kollox. Dak jemmnek u jagħtik kull ma teħtieġ". Epifanju hekk għamel; u Pawlu tah irġiel għax-xogħol u flus għan-nefqa. U meta kien ilhom iħaffru ftit, it-tliet iġsma sabuhom ta' bil-ħaqq.

Meta l-iġsma tal-qaddisin insabu, Epifanju bagħat jgħid lill-Isqof Ċirillu. L-Isqof niżel malajr minn Ġerusalem u ħa dawk l-iġsma, u żammhom fil-Knisja tiegħu ta' fuq Sijon. Meta sama' dan Pawlu ġie minn Elewteropli, bena kappella fil-wied li semmieha *Martyrium* (jiġifieri *xhieda*) u ħa dawk l-iġsma minn Sijon bil-purċissjoni, u difinhom hemm. Dan il-bini ta' Pawlu baqa' jissemma fi żmien il-Biżantini, fil-Liturġija tagħhom, meta jsemmu l-festa li kienet issir fil-Wied ta' Kedron lil dawn il-qaddisin.

Ma nistgħux inkunu nafu sewwa kif kien il-*Martyrium* li bena Pawlu fil-Wied ta' Kedron, għax dawk li rawh fi żmien il-Biżantini u l-Għarab, fil-kitba tagħhom ma jsemmuhx għajr fuq-fuq. Biex tkun taf xi ħaġa sewwa fuq il-kappella li kienet hemm, trid tfittex il-kitba ta' żmien il-*Crociati*, jiġifieri s-Salibin, jew warajhom. Imma hekk ukoll ma tistax taf jekk fi żmien is-Salibin kienx għadu wieqaf il-*Martyrium* ta' Pawlu ta' Elewteropli, jew kien hemm knisja oħra mibnija mill-ġdid. Il-biċċiet tal-kolonni li nstabu f'posthom huma Biżantini, imma dan mhux biżżejjed biex tgħid li l-bini tiegħu kien baqa' wieqaf sa dak iż-żmien.

L-ewwel tifsira tajba fuq il-qabar ta' San Ġakbu fi żmien is-Salibin, kitibha wieħed żawwar jismu Teodoriku. Dan, fil-kitba tiegħu, jgħid hekk: "Tidħol il-kappella tal-qabar ta' San Ġakbu minn bieb in-naħa tax-Xmiel (north), u fuq il-qabar tiegħu hemm din il-kitba:

DIC LAPIS ET FOSSA
CUJUS SUNT QUAE REGIS OSSA?
SUNT JACOBI JUSTI
JACET HIC SUB TEGMINE BUSTI

(Jiġifieri: *Għid, ħaġra u ħofra, Ta' min hu l-għadam li inti tħares? Hu ta Ġakbu s-Siedaq, li mimdud hawn taħt l-għatu tal-qabar*). Il-kappella hija ta' għamla mdawwra; isfel wiesgħa u fuq dejqa; wieqfa fuq tmien kolonni, u mżejna bi tpinġijiet sbieħ" (4). Xi mitejn sena wara semmieha aktar ċar Fra Nikola ta' Poggibonsi, li fost kliem ieħor kiteb hekk: "Innaħa tal-lemin, żewġ passi 'l barra miċ-ċelel li semmejt, hemm il-knisja ta' San Ġakbu, li hi kollha ġebla waħda, maqtugħa bħal djamant (5). Minn ġewwa mħaffra, għax hemm żewġ knejjes, knisja fuq oħra, u l-knisja ta' taħt magħmula ħnejja. Lejn ix-Xerq (east) hemm **il-blata** ħajja li fquha San Ġakbu qagħad jitlob wara li Ġesù kien midfun, u wieġħed li la jiekol anqas jixrob sa kemm ma jarġax jarah ħaj mill-ġdid. U hemm Ġesù deherlu nhar il-Ħadd (6). U wara li San Ġakbu miet... l-Ixirka tiegħu ħaduh b'qima kbira, u f'dak l-imkien fejn kien qagħad jitlob, hemm difnuh. U minn hemm wara ttieħed Kostantinopli..." (7).

Għalkemm dawn it-taħbiriet huma mwaħħrin, għandhom siwi kbir; għax minnhom nafu sewwa fejn kien il-qabar ta' San Ġakbu, u fejn kienet il-kappella u ċ-ċelel tal-Eremiti li kienu jgħixu ma' dwarha, li kien bena Pawlu ta' Elewteropli Imqar kieku l-Knisja l-imdawwra li jsemmu ż-żawwara kienu bnewha s-Salibin, la kienet fuq il-qabar ta' San Ġakbu, jiġi

minnu li kienet imbniet fuq il-*Martyrium* ta' Pawlu ta' Bejt Ġibrîn.

U dan ukoll għandu s-siwi tiegħu; għax minnu nistgħu nafu x'inhuma l-fdalijiet li nkixfu ftit ilu quddiem il-Piramda. Il-qabar li nstab imħaffer taħt it-tarġiet tal-Piramda, li jgħidulha l-qabar ta' Żakkarija, bil-fdal ta' kappella quddiemu, huwa ċert il-qabar ta' San Ġakbu, imsemmi miżżawwarin tal-antik.

It-taħfir ta' quddiem il-qabar ta' Żakkarija ġewwa l-Wied ta' Ċedron kien immexxi minn John Marco Allegro (8), f'Jannar u Marzu-April tassena 1960. Aħna hawnhekk inħallu barra t-tifsir fuq il-fdalijiet taċ-ċelel tal-Eremiti, u nsemmu l-fdal tal-qabar ta' San Ġakbu biss.

* * *

Il-fdal tal-qabar fin-naħa tal-Għarb (west) tal-Piramda hu ta' żewġ xorta: għar żgħir, imħaffer taħt it-tarġiet tal-Piramda u fdal ta' bini (il-kappella) bil-ħitan.

Jidher ċar li l-qabar taħt it-tarġiet, kien imħaffer wara l-qtugħ tal-Piramda, għax bih, id-dehra sabiħa u serja tagħha, tħassret mhux bi ftit. Dal-qabar kien miksi kollu bit-tikħil abjad, li għad fadal irqajja minnu fuq wiċċ il-blat. In-naħa tax-Xerq hemm imħaffra *apside* żgħira, bħal niċċa, fejn aktarx li kien hemm artal, u taħtu l-għadam ta' San Ġakbu. Bejn il-qabar u l-kappella hemm mogħdija b'żewġ ħitan, li tidher li kienet ħaġa waħda mal-qabar. Il-ħitan tal-kappella u tal-mogħdija kienu wkoll miksija bit-tajn abjad. Il-bini tal-kappella xorta waħda bħal bini taċ-ċelel tal-Eremiti ta' ma' dwarha. Fl-art tal-kappella u tal-mogħdija jidher il-blat, immejjel mix-Xerq għal Għarb. Instabu wkoll hemm biċċiet ta' kolonni Biżantini maqtugħin minn ħaġar roża li setgħu kienu tal-*Martyrium* li bena hemm Pawlu. Jixbħu lill-kolonni tal-Bażilka tat-Twelid, f'Betlehem.

Fil-qasir: il-fdalijiet li nsabu fl-1960, quddiem il-Piramda ta' Żakkarija fil-Wied ta' Kedron, juru li (a) il-bċejjeċ tal-kolonni li nstabu fil-post huma ta' żmien il-Biżantini, mela aktarx huma tal-*Martyrium*, li bena Pawlu ta' Elewteropli (b), il-fdal l-ieħor, ta' ħitan, bjar, ċelel u qiegħan, huma tad-Dejr żgħir ta' ftit żmien qabel is-Salibin. Hekk ukoll huwa l-fdal li għandu x'jaqsam mal-qabar. Dan ukoll juri l-fdal ta' madum moħmi li bih l-art miksija f'xi nħawi, magħruf li hu ta' żmien l-Imperatur Kostantinu Monòmaku (1042-1054).

Minn hekk jidher li dak il-qabar imħaffer taħt it-taraġ tal-Piramda kien magħmul minn Pawlu ta' Elewteropli biex fih jitqegħdu l-iġsma ta' San Ġakbu u ż-żewġ qaddisin l-oħra, u wara kien imsewwi u msebbaħ fi żmien is-Salibîn. Fl-aħħar intelaq u ntesa wara li l-Art Imqaddsa waqgħet taħt is-setgħa tal-Misilmin.

*Abuna Jagħqub.*

---

(1) De Viris Illustribus. Patr. Lat. 23. c. 613.

(2) Sanctus Jacobus quem Dnus manu sua Episcopus ordinavit, de pinna Templi praecipitatus est et fullo eum occidit, et positus est in Monte Oliveti. (Geyer, Itinera Hierosolimitana saec. III-VIII. L-aktar ħaġa probabli hi li din il-bidla saret ħtija tal-kelma "pirâmida". Billi l-qabar ta' San Ġakbu kien fil-wied ta' Kedron, u kellu fuqu *pirâmida* (tal-ġebel) u billi f'dak il-wied in-nifsu, in-naħa l-oħra, quddiem il-qabar ta' San Ġakbu sew, hemm il-mawsulew tal-katakombi ta' Beni Heżîr, u s-saqaf tal-mawsulew għamla ta' piramda wkoll (kif jidher fiż-żewġ ritratti li ġibna fil-ħarġa ta' qabel din, ff. 24 u 25), meta tneħħiet

il-pirâmda tal-ġebel minn fuq il-qabar ta' San Ġakbu, f żmien Hadrijanu,, in-nies bdew jaħsbu li l-Qabar ta' San Ġakbu kien taħt il-piramda *tal-blat,* tal-mawsulew ta' Beni Heżîr, għax din qegħda fil-wied ta' Kedron ukoll. U għal hekk Pawlu ta' Elewteropli ħaffer it-taraġ tal-piramda u difen hemm l l San Ġakbu, biex ikompli mat-twemmin tan-nies.

(3) Dak iż-żmien kienet belt kbira. Ħaduha l-Għarab fis-796. Il-lum raħal żgħir jismu Bejt-Ġibrin.

(4) T. Tobler. Theodorici l bellus de Lcis. Sctis.

(5) Irid ifisser il-għamla tas-saqaf tal-Piramda. Ara r-ritratt.

(6) San Luqa jsemmi (XXIV, 18) li wieħed miż-żewġ dixxipli li kienu sejrin Emmaws, u għarfu li Ġesù wara li qam mill-mewt, *waqt li kiser il-ħobż,* kien jismu Kleöfa. U San Pawl, li kien jinqeda bl-Evanġelju li kiteb San Luqa, jisemmi li Ġesù wara l-qawma tiegħu, deher lil Ġakbu (I Kor., XV, 7) u ħafna santi Padri jgħidu hekk ukoll. Dan jiġiegħel lil min jaħseb li l-kelma *Kleöfa* ma hix għajr it-taħsir tal-kelma *Ħlâfi* (il-Griegi ma għandhomx ittra "h" ħoxna, għalhekk kitbuha "k"), li kien il-laqam li bih kien magħruf San Ġakbu f'ħajtu. Jekk inhu hekk (kif aktarx) id-dehra ma kenitx fil-Wied ta' Kedron, ħdejn Ġerusalem, imma bgħid minnha ħafna, in-naħa tal-Għarb tal-belt.

(7) Libro d'Oltramare (1346-1350).

(8) Ara l-ktieb ta' John Marco Allegro: "The Treasures of the Copper Scroll", u l-gazzetta Ingliża "Daily Mail", Mejju 1960, serial jismu: "Gold Hunt in the Holy Land", minn Ralph Izzard.

# MUNTANJA... SARET KTIEB!

Tas-sew taf; m'iniex ngħid hekk biċ-ċajt; muntanja, tal-blat; twila 20 mil, u għolja 9,700 xiber fuq wiċċ il-baħar; iżżomm is-silġ fuqha s-sena kollha; jgħixu fuqha l-bhejjem waħxija: djieb, gilep u orsijiet, u... saret ktieb! M'hux saret xi ktieb kbir: saret ktieb minn dawn li żżomm f'idejk u taqra fih. Ara kif.

Din il-muntanja kbira qegħda fil-Feniċja. Billi s-silġ ta' fuqha, abjad u jlellex, sajf u xitwa, jidher minn ħafna mili bgħid, u billi l-ħalib magħqud (bħal baqta), abjad bħas-silġ, in-nies ta' hemm jgħidulu *leben,* lil din il-muntanja bis-silġ abjad fuqha, semmewha mill-qedem nett Ġebel Libnân, jiġifieri: Muntanja Bajdanija; jew Ġebel Bajdân. U mħabba din il-muntanja, il-pajjiż kollu bdew jgħidulu: *Ġebel Libnân,* u għal ħeffa, *Ġebel* biss. Tarġa' kif kienet id-drawwa tal-antik, il-belt il-kbira ta' dik l-art semmewha "Ġebel", u tissemma kemm il-darba fil-kitba tal-Griegi tal-qedem u msemmija wkoll fil-Kotba Mqaddsa, fil-Ktieb ta' Ġożwè, XIII, 5, ta' Heżekiel, XXVII, 9, fit-Tielet Ktieb tas-Slaten V, 18, u fis-Salmi, LXXXII, 8. Il-Griegi, lil dil-belt, għawġulha isimha kif jaqbel lil-lingwa tagħhom, u semmewha *Giblos,* u wara żmien bidlulha l-"G" u għamluha *Biblos.*

Din il-belt ta' Biblos (jew Ġebel) kienet fuq xatt il-baħar, u l-Eġizzjani kienu jmorru hemm jbiegħu l-bordi, jew *papiri* lil Feniċi, u l-Feniċi kienu jaħdmuhom u jagħmluhom kotba u jbiegħuhom fl-artijiet tal-Greċja. Għal hekk, billi l-kotba kienu jiġu minn Biblos, il-Griegi, ktieb semmewh *biblos,* kif għadu jissemma sal-lum.

Mela: l-art tal-Feniċja kollha, imħabba l-muntanja kbira li fiha, issemmiet *Ġebel,* u hekk ukoll issemmiet il-belt il-kbira tagħha. Il-Griegi lil dil-belt, minn "Ġebel" semmewha "Biblos". Billi l-kotba tal-bordi kienu jsiru f'din il-belt, ktieb bdew jgħidulu *biblos* ukoll. Hekk, *Muntanja, saret ktieb!*

# DISA' XHUR FIS-SALT

*(Jaqbad mal-ħarġa ta' qabel)*

Issa sa nikteb xi żewġ ġrajjiet żgħar fuq is-Salt, biex ngħaddu naqra ż-żmien; nibda billi ngħid xi ħaġa fuq il-*ġrajja tat-tiġieġa tal-Kurât.*

L-ewwel semmejt il-bitħa, jew għalqa ta' wara l-knisja, li f'nofsha kien hemm siġra tat-tût (tidher fir-ritratt li ġibna, fil-faċċata 106. fil-għadd ta' Nr.4, 1962), li fiha konna noħorġu jilgħabu lit-tfâl ta' l-iskola. Dik tfakkarni f'naqra ta' ġrajja li kull meta tiġi quddiem għajnejja, għadha ġġ'egħlni nidħak sal-lûm. Mela darba, il-"qassis" Protestant tas-Salt tbiddel, u ġie ieħor minn Ramalla. Dun Ġubrajil, il-kurât tas-Salt, ħasel kien sâr. Imma l-għada, waqt li t-tfal tal-iskola kienu jilgħabu fil-bitħa tat-tûta, tiġi tiġieġa sewda, ma nafx minn fejn, u t-tfal irmaw jiġru wrajha. Târet għal fuq it-tuta, u żewġt itfal ixxabtu wrajha hemm ukoll. Reġgħet taret minn fuq it-tuta, it-tîr u tqâqi, u marret fuq il-bjut tal-Misilmin, u ma dehritx aktar. Imma ċaf kif taret? Donnha għasfûr!

Jien it-tiġieġa ma kontx naf ta' min hi; imma mbagħad intbaħt li Omm-Nażâr u Dun Ġubrajil kienu qegħdin ifittxûha, jiġifieri kienet tal-kurât. Jien lit-tfâl meta ġrew warajha, ma kell'mthomx (u anqas kelli



*Is-Salt, Tranġordanja. Il-bidu tat-triq li mis-Salt tieħu lejn Għamman. Il-Knisja li tidher qalb id-djar, hi tal-Gregi Kattolki. Il-Knisja ta'-Griegi Ortodossi qegħda wkoll dik innaħa imma fir-ritratt ma tidhirx.*

jâfu, u darba stiednu biex ijmur jiekol għandu. Dun Ġubrajil qal lil kôka, mara Armena, jisimha Omm-Nażâr, biex t'xtri żewġ tiġiġiet u titboħ u ssajjar tiġieġa minnhom. Aħna, s-surmastrijiet, konna nieklu mid-Dejr, u nħallsu ta' l-ikel, imma dak inhar, Dun Ġubrajil, biex jagħmel ekonomija, qalilna b'ex nieklu bikri, ikel bħal ta' dâri, ħalli t-tiġieġa jeklu ha hu u l-"qassis" Protestant biss. Hu kien l-imgħallem, u li ried hu żmien inkellimhom kieku ridt, għax kollox sar f'għamża) għax ma kontx nâf it-tiġieġa ta' min kienet. U mbagħad ħsibtha, u ħallejthom ifittxu u ma tkellimt xejn għax kieku tkellimt, il-kurât miegħi kien jeħodha. Imma f'qalbi rmajt nidħak, għax xorta waħda tilifha t-tiġieġa l-Kurât! Ma kelnihiex aħna, keluha l-Misilmîn!

Issa ngħidu xi ħâġa fuq: *Meta fis-Salt għamlet il-borra;* għax hawn

Malta ma taghmilx borra u ħafna nies ma jafûx kif inhi.

Fil-Palestina u t-Transġordânja, fix-xitwa, qisu dejjem fix-xahar ta' Frar taghmel il-borra. Meta taghmel il-borra, tkun kalma kbîra, anqas nefħa li hi nefħa żgħîra ta' riħ. Is-sema ma jkunx jidher, għax jekk tħares 'il fuq ma tarax ħlief bħal nuħħâla bajda n'eżla mill-ajru bil-qajl il-qajl. Dik in-"nuħħala" tieqaf kull fejn issib: fit-triq, fuq il-bjût, fi ħġur it-twieqi, fuq friegħi tas-siġar, kull imkien, għax billi hi ħafîfa, ma titgerbibx. Għall-ewwel tkun ratba, bħan-nuħħâla wkoll, imma wara tagħqad bit-toqol tagħha nfisha, u ssîr jiebsa daqs il-ġebel. Jekk taqbad qabda minnha u tagħfasha bejn idejk, tibbies ukoll, minn barra biss, għax minn ġewwa tibqa' ratba.

Fl-iskejjel tal-Insâra-Latini (għax tal-Griegi u l-Protestanti u l-Misilmîn, ma nafx) l-ewwel jûm li tinżel il-borra, lit-tfal jagħtuhom btâla. Il-Palestina, it-tfal, u ħafna kbar ukoll, dik inhar jagħmlu gwerra ħielsa tal-borra: jgħaqqdu l-balal tal-borra u jwaddbu għal xulxîn. Il-balla, meta taħbat ma' dak li jkun, tinfaqa' u tarġa' ssir nuħħâla bajda, għal hekk ħadd ma jieħu għalih.

Is-sena li kont is-Salt jien, ukoll niżlet il-borra, u dik inhar, kif inhi d-drawwa, ma għamilniex skôla. Imma għandu jkun li hemm ma jagħmlux gwerra, għax il-kurât qalilna nqabbdu n-nar fl-istûfa, fil-klassijiet u noqogħdu hemm nindukraw it-tfal, kull wieħed fil-klassi tiegħu. U tassew: it-tfal qishom kollha ġew, u ġiebu xi ħaġa biex jilgħabu: blâlen, boċċi u hekk. Wieħed ġieb orgni tal-idejn, li kien jafu m'hux ħażîn (kien jismu Jusef Ħaddâd; ġie Malta mal-Pajoniera Għarab fis-sena 1941, fl-aqwa tal-Gwerra) u qagħad idoqq. L-oħrajn qagħdu jilgħabu għas-sħâna tan-nar. Tħossok tistaħja, tieħu nhar btâla bla ħsieb !

U darba morna għamilna: *Żjâra f'raħal tal-Għarab*, żgħîr, fuq għolja, kif sa nsemmi hawnekk.

Wieħed qassis Għarbi (Kattolku, ma għandniex xi ngħidu) jismu Abuna Halîl, ġie s-Salt u qagħad xi jumejn jew tlieta għand Dun Ġubrajil. Xi xahar wara li mar jagħmilha ta' Kurât fir-raħal li kellu jmur, stedinna mmorru nhâr għandu, għax dak ir-raħal ma kienx bgħid wisq mis-Salt; xi siegħa u nofs mixi; kien jismu Fħies. Morna fil-għodu, jum li ma kellniex skola, u tlaqna mis-Salt u ġbidna lejn Wâdi l-Ażraq, li hu naqra ta' xmara, għax dejjem għaddej minnu l-ilma, u qsamnieh minn mogħdija magħmula b'ħaġra fejn ħaġra, fl-ilma, u bdejna telgħîn it-telgħa, wieqfa-wieqfa, in-naħa l-oħra tal-wied. L-art tat-telgħa ma hix ħamrija imma blât lixx, u mżerżaq, u fuq il-blât raxxa frak irqîq ta' ħaġar jiebes, donnu frak taż-żnied, li jiżloq taħt iż-żarbun. Domna telgħin ħafna, għax dak il-frâk ma jħallikx timxi sew; imma fl-aħħar wasalna fil-quċċata. Hemm fuq kien hemm għolja żgħîra, donna tumbâta, għariba għall-aħħar. Il-għolja kienet griża, imma min-naħa għall-oħra, jgħaddu minn fuq il-quċċata tagħha, kien hemm żewġ faxxi wesgħin xi qamtejn, li nħawi jitwessgħu u nħawi jidjiequ, imissu ma' xulxin, faxx minnhom ħamrâni u l-faxx l-ieħor jagħti fil-kħûla, magħmulin mill-ħolqien !

Meta wasalna l-Fħies, Abuna Halil laqagħna u feraħ bina, u ħâdna naraw il-knisja. Kienet knisja żgħira, donnha knisja minn dawk li hawn Malta

jkunu qalb ir-raba. L-art tagħha mballta bit-torba, u kollha frak tat-tiben li jġorru ma' djulhom in-nisa Fellaħin. Jidher li ma kenitx tinkines ħlief darba fil-kemm. Ma kienx hemm bankijiet, jew siġġiijet; in-nies fil-quddies u t-talb l-ieħor, joqogħdu bil-qegħda fl-art. Imbagħad morna naraw ukoll il-knisja tal-Griegi. Kienet akbar minn tal-Latini. Fuq il-bieb tagħha kien hemm salîb tal-ħaġar, kollu mtaqqab bil-balal tal-az-zarini. Meta saqsejna dawk x'kienu lil mara li ġiet tifthilna, qaltilna li s-suldâti Torok qagħdu jisparaw fuq is-salib huma u għaddejjîn minn hemm, qabel ma daħlu l-Ingliżi fis-sena 1918.

Minn ġewwa l-knisja ma fihiex żîna. Ftit xbiehât tal-qaddisin fuq l-*ikonostasis*, żewġ kandlieri kbâr mgħottijin bid-drapp aħmar, kandlier f'kull ġenb tal-knisja, u l-bqija xej. Laqatni, u għadni niftakar sewwa fih (għax jissemma wieħed bħalu fiż-żjâra tal-Isqof Duzina, hawn Malta) il-fonti tal-magħmudija. Dan magħ-mul minn vaska kbira mdawra, im-ħaffra minn ħaġra waħda, wieqfa fuq biċċa kolonna ħoxna, fil-ġenb. Mad-dawra tal-vaska, minn ġewwa, kien hemm sing oħxon iswed, donnu taż-żift. Saqsejt lil dik il-mara dak il-għakar x'kien. Qaltli li dak kien ħmieġ tat-trâbi li jitgħammdu. Għax il-Griegi Ortodossi jgħammdu lit-trabi kollha li jitwieldu ma' tûl is-sena f'jum wieħed, ftit fuq Għid il-Kbir, li jgħidulu Għid il-Għetâs. Lit-trabi jgħammduhom billi jgħaddsuhom, ġisimhom kollu fl-ilma, u bid-dehxa, kif iħossu ruħhom mgħaddsa fl-ilma kiesaħ jagħtûhom imsarinhom, u jħammġu. U l-ħmieġ wara jeħel mal-fonti u jinxef, u jħallûh hemm !

Qagħdna l-Fħies sa wara nofs inhâr. Wara li kilna u sar naqra l-ħin, il-kurât ta' hemm, Dun Halîl jara s-sema jissaħħab, qabad iħajjarna biex infittxu nerġgħu lejn is-Salt, li ma taqbadx nieżla x-xita. Is-sewwa



*Is-Salt, Tranġordanja. Il-Kurat, Dun Anton Vergani, li laħaq wara Dun Ġubrajil, mat-tfal subjien tal-"Aħawija" bħal "Brotherhood" tal-Azzjoni Kattolika. It-tieni tifel, saff ta' fuq (mix-xellug) il-lum qas-sis: Dun Elija Naber.*

kien li baża' li ma nkunux nistgħu mmorru bix-xita, u hekk ikollna ner-ġgħu nieklu minn għandu fil-għaxija. Abuna Halîl kien Għarbi, u l-Għarab fi ċkunithom ikunu foqra, u meta jik-bru jsiru xħâħ, għax jibqa' dejjem f'moħħom il-ħsieb tal-faqar. Ma tis-tax tlûmu, miskin. Aħna smajna minnu u tlaqna, u xita ma għamlitx ħlief naqra rqîqa, meta konna għod-dna wasalna s-Salt.

Għal dil-ħabta, il-kurât, Dun Ġub-raijl, kellu xi jgħîd ma wieħed mis-

Salt, raġel, minn għalija, jismu Simgħân il-Laħħâm, u għandu jkun li l-kurât kien għajjat miegħu u tefgħu 'l barra ma nafx minn fejn, hux mill-knisja jew mid-divân. Naf li dak ir-raġel rafa' sebgħu u qallu: "Nixkîk! Nixkîk! (jiġifieri: *nirrapportak*). U hekk għamel. Imma Dun Ġubrajil mar l-għassa u *xeka* lilu wkoll. Fuq iex ma nafx, għax jien ma nħobbx nistaqsi; jekk nisma,' nisma'; jekk ma nismax ma nsaqsix, la ma jkollix x'naqsam fil-ħaġa jien. Kienet sa tinqala' waħda bħal ta' dâri, u tinqasam il-Parroċċa! Il-Patrijarka sama', u ġiegħel lil Dun Ġubrajil imur iħassar it-taħrika, kif għamel tas-sew. U Simgħân ukoll ħassar it-taħrika tiegħu, u l-ħaġa ntemmet b'wiċċ il-ġid. Wara ftit Dun Ġubrajil telaq mis-Salt. Jekk telaqx minn rajh inkella għax ġiegħlu l-Patrijarka, ma nafx. Wara xi jiem ġie kurât ieħor, qassis żagħżugħ Taljân, li trabba l-Palestina, u jaf il-Għarbi sewwa, jismu Don Anton Vergani, minn għalija, Pjemontiż.

Hawn rajt ħaġa kerha wisq, minn dak is-surmast Għażîż Abu-Sâba ta' Ramalla, li qatt ma nsejtha. Billi Dun Ġubrajil lil dak is-surmast kien iġîbu, meta qallu li kien sa jitlaq mis-Salt is-surmast għamel ta' bir-ruħu qalbu sewda. U Dun Ġubrajil qabel telaq tah ritratt (bħal dak li ġibna hawn, f'dal-Qari, imma akbar) Is-surmast mar iwasslu sal-karozza, u niżżel it-tarbûx fuq għajnejh bħalli kieku kien qiegħed jibki. Meta raġa' l'ura lejn id-Dejr, imma, biddel imġiebtu kollha; ġieb ir-ritratt tal-kurât, beda jidħak bih kemm jiflah, u hemm quddiemna, jagħmillu (skużi) l-qrun fuq wiċċu fir-ritratt. Tas-sew li Dun Ġubrajil ma kienx wisq ta' min iqîmu, bħala *persuna*, imma s-surmast anqas ma kellu l-ewwel jilgħabha ta' ħabîb u mbagħad jagħmel dak il-għajb. Lili u lil Dun Longo il-kurât telaq bla ma kellimna, u anqas aħna ma kellimnieh. Imma ma għedna xejn fuqu.

Meta kien ilu ftit hemm Dun Vergani qalîlna biex kieku mmorru u naqbdulu ftit żrinġijiet, biex jaqlihom. Is-Salt, billi qegħda qalb l-iġbla, fiha ħafna ilma: għajn kbira f'nofs, il-belt — l-ilma tagħha ħiereġ igelgel minn ġewwa ħofra — żewġ għejjun oħra ftit bgħid, fin-niżla, jħg'dulhom Għajn Ġadôr il-Fuqha u Għajn Ġadôr it-Taħta, l-ilma talwaħda ħiereġ mill-blat, tal-oħra jiżżerżaq ħelu-ħelu ma' blata lixxa, sewda. Imbagħad hemm wied għemiq, b'għajn kbîra tbaqbaq tielgħa mill-qiegħ tiegħu, u l-ilma tagħha jibqa' sejjer mal-wied. Ftit l-isfel minn d'n, għajn oħra, jgħidulha Għajn il-Ferħa u d-Dik; u aktar 'l isfel għajn oħra, jgħidulha Għajn Hażżîr, l-ilma ħiereġ minn taħt blata kbira wieqfa f'nofs il-wied. Fuq iż-żewġt iġnieb ta' dal-wied hemm l-egħlieqi bis-s'ġar, kull siġra m'ogħla sur, jgħidulhom il-Basatîn, jiġifieri: l-Ġonna. Fihom siġar tar-rummien, tal-lewż, tal-ġewż, t'n u ħawħ u berquq, u hemm siġar tal-luq u tas-sâru li ma jagħmlux frott; bejn l-egħlieqi u l-wied għaddejja t-triq tal-karozzi, minn Għammân tieħu għax-Xûna, għas-Salt, għal-Ġordân, Ariħa, Betgħanja u Ġerusalêm.

Mela Sagħîd u jien, darba wara nofs inhar, jum ta' bla skola, morna f'dan il-wied, naqbdu ż-żrinġijiet. Jien inżajt iż-żarbun u nżilt fl-ilma u qbadt ħafna. Sagħîd qabad x'erbgħa wkoll, imma m'hux daqsi. Imlejna maktur kbir u rġajna lejn is-Salt. Dun Vergani għażel it-tajbin mill-ħżiena, qata-

għlhom rashom bl-imqass, qaxxarhom, u qabbad lill Omm-Nażâr taqlihomlu. Imbagħad ġiebhom moqlijin fuq il-mejda, u kielhom. Sagħîd kiel koxxa ta' żrinġ ukoll; jien ma doqthomx. Imma l-mixi fl-ilma kiesaħ wara nofs inhar għandu jkun li m'hux tajjeb. Għax minn dik il-lejla qabadni wġiegħ ta' żaqq u dam ma telaqni xi ħmistax.

Issa ngħidu xi ħaġa fuq: Ix-Xalata. Xalata kull ħadd iħobb jisma' fuqha. Xalata ma hix xi ħaġa ta' swied il-qalb.

Is-Salt hemm drawwa li wara Għid il-Kbir, lit-tfal ta' l-iskola jagħmlulhom xalata. Joqtlu żewġt iħrief, isajjruhom kif isajjru l-Għarab, u jeħduhom fuq xatt dik ix-xmara ż-żgħira li semmejt l-ewwel, li jgħidulha Wâdi l-Ażraq. Xi siegħa mixi bgħid mis-Salt. It-tfal imorru mas-surmastrijiet, jew mal-qassis, jew ġemgħa-ġemgħa weħedhom, għax Wâdi l-Ażraq kull ħadd jaf fejn hu. Jien ukoll mort, m'hemmx għal fejn ngħidu. Fejn waqafna (jew fejn *waqfu*, għax il-qassis u xi rġiel u xi tfal kienu hemm, meta wasalt jien) il-wied kellu żewġt ixtût qosra, bis-siġar tal-olejandru bil-ward abjad u aħmar, u taħt is-siġar miksi bil-ħaxîx, aħdar, artab u frisk, u rqajja' ta' blat abjad, nadif u mieles. Naha minnhom, wara x-xatt kien hemm blat għoli, b'xi daħla żgħira, li jagħmel id-dell. L-ilma jgħaddi jgelgel minn fuq il-blat u ċ-ċagħak abjad ta' qiegħ il-wied u kull kemm jistagħdar, u fil-għadira li jagħmel, ikun hemm jgħum ħafna ħut. It-tfal tas-Salt ma jafux jgħumu, għax is-Salt bgħida wisq mill-baħar; imma niżlu ġewwa l-ilma, fejn kien baxx, bil-qliezet ta' taħt ijżommu id f'id, dawra-dawra, u jaqbżu u jgħajjtu: "La Ilâha illa Hu! La Ilâha illa Hu! . . . La Ilâha illa Hu . . ." Issa, dan kliem li jgħiduh il-Misilmîn, u m'hux ħaġa li jgħiduh biċ-ċajt ulied l-Insâra; imma billi kien hemm il-qassis, Dun Giuseppe Longo, u ma kellimhomx, jien deherli li anqas kelli nkellimhom. Imma f'qalbi bdejt nitlob lil Bambîn li ma jgħaddux minn hemm dak il-ħin xi Misilmîn u jagħmlu għalina u jagħtuna xi xebgħa ġebel, għax jaħsbuna li qegħdîn inwaqqgħu għaċ-ċajt id-Din tagħhom.

Għal xi l-ħdax jew nofs inhar, irġiel li kien hemm magħna — misserijiet u qraba tat-tfal — tawhom jieklu. Qassmuhom għaxra għaxra; qalulhom joqogħdu bil-qgħda fuq il-blât ċatt u nadif, kull għaxra dawra mejt, u f'nofshom tigân — huma jgħidulu *bâtja* — mimli bir-ross mgħolli biz-zalza tat-tadam fuqu u għaxar biċċiet kbar laħam tal-ħarûf, u erħilhom jieklu b'idejhom. Kien fihom għaxqa tarahom! U l-qassis u aħna kilna fl-aħħar; u mgħarfa u furketta kellna, imma sikkina, le. Skieken, il-Għarab, waqt l-ikel ma jdaħħlux.

Wara l-ikel, kbâr u żgħar, qagħdna ftit nistrieħu, għad-dell biered (talblât u tas-siġar tal-olejandru. Imbagħad it-tfal reġgħu niżlu fl-ilma, jaqbżu u jitbahardu bħal qabel. U meta x-xemx bdiet titbaxxa, għajjatnielhom ħalli jilbsu; meta libsu, ħadniehom qajl-qajl lejn is-Salt. Elsie.

(*Baqa għal darba oħra*)

La tadħol bejt iż-żennan, u la takol hubż il-mennan. *La tidħolx f'dar il-għajjur, u la tiekolx ħobż il-faħħâri.* L-ewwel wieħed, għax billi kull ħadd iqis b'xibru, jaħseb li int tgħir għalih u għal dak li għandu f'daru; u t-tieni għax billi jkun faħħâri, imur jiftaħar man-nies kemm ikel tajjeb ġieblek quddiemek, u kemm kilt bil-qalb, u kemm imissek tibqa' tafhulu; u hekk iġiegħlek tistħi.

# BIS-SAHHA TAL-BEBBUX

(Ħliqa)

Meta wieħed Malti jmur Betlehem, jagħmel qalb ta' sur, għax jaħseb li qiegħed Malta, daqs kemm jixbaħha, ġewwa l-belt u barra l-belt; imma Nazaret jixbaħ lil Malta biss barra mill-belt, m'hux ġewwa l-belt; jixbħu lil ta' Malta l-widjien u l-egħlieqi tagħha. Tarġa', n-naħa ta' Ġerusalem u Betlehem (li huma qrib xulxin) ma jagħmelx bebbux; jien fiżżmien twil li qagħadt hemm qatt ma naf li rajt bebbuxa; imma n-naħa ta' Nazaret, jagħmel. U n-nies ta' hemm imorru jiġbru minnu wkoll, wara l-ewwel xita, u jsajruh u jekluh, bħal Malta xorta waħda.

Meta kont hemm jien (għax issa ma nafx), nhar ta' Ħamis ma kienux jagħmlu skola; għal hekk darba waħda, nhar ta' Ħamis fil-għodu, wara x-xita, billi kien għamel ir-ragħad u l-beraq u niżlet ix-xita mal-lejl, għamilt bħal ma nagħmlu Malta; qbadt it-triq u nżilt ġewwa l-wied, niġbor il-bebbux!

Kif kont hemm, seħwien inħares lejn l-art, u kont ġbart xi tminn bebbuxiet jew għaxra u qegħedthom filmaktur, nisma' xi ħadd jolfoq qrib tiegħi. Narfa' għajnejja, u nara bilqegħda fuq blata tifel Għarbi ta' xi għaxar snin. Liebes qumbâs qadim u taqija f'rasu, għajnejh ħomor u kollha dmugħ. Irsaqt ma' ġenbu. "Mêlek, ja bâba?" (xi ġralek ħanini) saqsejtu.

"Wa la xî" (ma ġrali xejn) weġibni.

"Ma tqolli!" (u għidli!) rġajt jien. 'Fi waġa' maħall?" (għandek uġiegħ xi mkien?).

"Immi darbitni" (ommi sawtitni). U f'dak il-ħin, minn ġewwa bħal gorboġ imkaħħal mal-blat, ġewwa għalqa qriba, xirfet mara Għarbija, u bdiet tgħid raxxa kliem li jien ma fhimtux kollu. Fhimt li dak it-tifel kien binha u li kien serqilha xi ħaġa tal-ikel, li żewġha kien mejjet u li kellha tliett itfal u li ma kellhiex x'titmagħhom, u qatiegħ kliem minn dan. Ġiet ma' ġenbi u jien qagħadt nismagħha titkellem u naraha xxejjer idejha, u stħajt nitlaq, biex ma niksirhiex. Għawwart fil-but talġlekk u tallajt ftit grux u tajthomlha biex tarġa' tixtri dak li kien serqilha t-tifel, u għedtilha li Ġerusalem hemm dar tal-Insara fejn irabbu t-tfal iltiema. Jekk tmur għand Ħûri t-Tajfa (kappillan) hemm Nazaret u tgħidlu, jibgħatilha t-tifel hemm, imma trid tħallih isir Nisrani.

"Ħallih jarùħ! (ħalli jmur). Inxalla jsir qird!" (imqar isir xitan) "Inxalla jsir Malti!"

"Mela Malti agħarr minn xitan?" saqsejtha jien bid-daħk. "Ara jien Malti, u m'iniex raġel ħażin wisq, bħal ma tara, għax għedtlek x'għandek tagħmel. Mur, mela, issa jekk trid, saqsi għal Dejr il-Franġiskani, u għid lil Ħuri li trid iddaħħal it-tifel dar il-ltiema. Ftit ilu waħda mara Misilma, min-Nazaret, ukoll bagħtet lil binha hemm".

Jien ma bsartx li din il-mara Għarbija sa żżomm kelmitha, imma ma kienx hekk. Għax tas-sew marret għand Ħuri t-Tajfa, kif nebbaħtha jien, u l-ħaġa seħħet. U m'hux lil dak it-tifel li rajt jibki jien biss bagħtet l-Orfanatrofju ta' Ġerusalem, imma t-tliet uliedha: tifla u żewġ subjien.

Iż-żmien jgħaddi, u jien irġajt lejn Malta u l-anqas ħsieb li kelli ta' dawk it-tfal Misilmin. Is-snin għaddew u reġgħet ġietni x-xewqa li nara l-pajjiż l-ieħor tiegħi: il-Palestina. U billi dik l-art nafha sewwa, tlaqt waħdi u qagħadt kemm il-ġimgħa Ġerusalem, u żort u dort dawk l-inħawi kollha, u mbagħad tlaqt lejn Ħajfa, u għaddejt min-Nazaret.

Nazaret qagħadt jumejn biss, u rkibt karozza u tlaqt lejn Ħajfa biex minn hemm nirkeb il-ġifen u nerġa' lejn Malta. Biex min-Nazaret tmur Ħajfa trid tgħaddi minn raħal żgħir u qadim għall-aħħar (isemmih Jusef il-Lhudi fi ktieb il-Ħrieb tal-Lhud) jismu Jâfa, u ftit wara minn ieħor jismu l-Imġejdel. Kif konna għaddejin min-nofs l-Imġejdel, inħoss ħruq f'sebgħi l-werrej, u nħares u nara minnu nieżel id-demm. Kif kont inħares mill-karozza 'l barra, għandi nkun ilqattu ma' xi mkien u ġraħtu bla ma ntbaħt.

F'Imġejdel hemm naqra ta' Dejr tal-Franġiskani (u Dejr żgħir ieħor tas-Sorijiet), imdawwar bi ġnien ħelu bil-ħajt tas-sellieħ, baxx, b'mogħdija minn barra għal quddiem il-bieb. Hemm ikun hemm Râħeb Franġiskan wieħed, li jrid jagħmilha ta' Ħûri, ta' surmast, ta' mħallef, ta' tabib, u ta' kollox. Irid ikun jew Għarbi, jew jaf bil-Għarbi sew. Għal hekk, ċempilt il-qanpiena tal-karozza u s-sewwieq waqqafli. Għedtlu li kont sa ninżel hemm biex indewwi ftit sebgħi, għax waġġajtu, f'dak id-Dejr. Qalli li ma satax jistennieni, għedtlu kollox sewwa, imbagħad nirkeb karozza oħra li tkun għaddejja minn hemm.

Dħalt il-ġnien, fejn kien hemm żagħżugħ Għarbi bi mgħażqa f'idu, jagħżaq jew inaqqi. Saqsejtu bil-Għarbi, jekk kienx hemm xi ħadd idewwili ftit sebgħi, għax ġraħtu, u jekk ma norbtux kont sa ninmtela bid-demm. Telaq l-imgħażqa u xejjirli b'idu biex nidħol warajh ġewwa d-Dejr.

Kif dħalna, għajjat "Jusef!" u ġie Patri Franġiskan imdaqqas, żagħżugħ ukoll b'leħja sfiqa u sewda. "Hawn dar-raġel, weġġa' sebgħu; orbotħulu ftit!" qallu, u ħareġ 'il barra. Il-Franġiskan daħħalni f'kamra fejn kien hemm vit tal-ilma, li fetħu u qalli bil-Franċiż, nagħmel idi taħtu sa kemm iġib il-meħtieġ.

Ġieb kaxxa żgħira tal-*First Aid*, miżbugħa bajda bis-salib aħmar. Ħareġ minnha kuż u għoqda tajjar. Mesaħli sebgħi bit-tajjar u sawwabli ftit duwa minn ġewwa l-kuż. "Kif waġġajtu sebgħek?" saqsieni bil-Franċiż.

"Abûna, seddeqni, la agħraf. Ħissejt waġgħa, ittallajt, u xuft tâjaħ demm!" (Patri, emminni, ma nafx. Ħassejt l-uġiegħ, ħarist u nara nieżel id-demm), weġibtu bil-Għarbi jien.

"Titkellem tajjeb bil-Għarbi!" qalli mbissem, "imma m'intix Għarbi. L-Għarbi tiegħek tal-Palestina, u jidher li domt hawnhekk. Minn fejn int?"

"Minn Malta," weġibtu.

"Kont xi darba Nazaret?" saqsieni.

"Iwa," għedtlu. "Għaddejt fih sena u xahrejn". Kif għeddtlu hekk il-Franġiskan telaq il-kaxxa fuq mejda, deher imgħaġġeb, u baqa' sieket iħares lejja.

"Tiftakar li darba mort ġewwa l-wied, wara x-xita, tiġbor il-bebbux?

"Iwa, niftakar" weġibtu.

"Tiftakar li kien hemm tifel żgħir jibki fuq blata?" raġa r-Raħeb.

"Niftakar ukoll," għedtlu jien.

"U int x'kont għamilt?" saqsieni b'leħħa kbira.

"Għedt 'l ommu tieħdu għand Ħuri t-Tajfa, u mbagħad ħadu lilu u lil ħutu dar iltiema tal-Franġiskani, Ġerusalem. Imbagħad ma nafx x'ġara, għax ftit wara tlaqt lejn Malta mill-ġdid".

Kif għedtlu hekk, ħatafni, dawwar dirgħajh ma' għonqi u rassli wiċċi ma' sidru. "Jien hu dak it-tifel!" qalli ferħan. "Ejja miegħi!" u daħal f'kamra oħra. "J'amma! J'amma!" għajjat, "aqta' min ġie?"

Fil-kamra kien hemm mara mdaħħla fiż-żmien nadifa magħluba, imma wiċċ il-hena. "Min ġie, ja ibni?" saqsietu.

"Dak il-Malti, li sabni fil-wied, u li qallek teħodni għand il-Ħuri. Dan hu! Arah!"

Il-mara taha donnu ferħ ta' ġenn. qamet bl-għaġla ħatfitli jdejja t-tnejn u bdiet tbusħomli, bews oħxon, donnha riedet tiekolhomli. "Imbierek inti!" qaltli. "Inti l-ħellies tagħna. Għalina l-ewwel Kristu mbagħad int!" U biex naqta' qasir, kelli noqgħod magħhom sa fl-għaxija.

Hekk, mela, erba' Misilmin kienu saru Nsara, u wieħed sar Patri Franġiskan; u dan kollu . . . bis-saħħa tal-bebbux! ĦANNA L-MALTI.

# IL-GRAJJA TA' ADAM

## (KIF JGĦIDUHA L-MISILMIN) (*).

Wara li Allah ħalaq il-ġisem ta' Adam mit-trab magħġun bl-ilma ġieri, ħallieh joqgħod, bla ħajja, għal erbgħin sena. F'dan iż-żmien Allah ħabbar lill-Anġli biex jitħejjew ħalli jagħtu ġiħ u qima lill-Adam meta Hu jagħtih il-ħajja. Il-ġemgħa kollha tal-Anġli qagħdu għal kelmet Allah, imma Blis, rajjes l-Erwieħ l-Imkabbrin, billi kien għajjur, ma riedx jagħti qima lill-Adam, għal hekk Allah keċċieh mill-Ġenna u sar xitan, u huwa l-ħtija ta' kemm dwejjaq u tiġrib ibatu n-nies tad-dinja.

Għall-ewwel Adam kien raġel u mara f'daqqa, imma mbagħad innaħa tal-mara nfirdet min-naħa tar-raġel, u saret mara sħiħa, għaliha weħedha. U hekk ukoll Adam, meta nfired min-naħa tal-mara, sar raġel għalih waħdu. U kif kienu hekk, maħlulin minn xulxin, iżżewġu, għax baqgħu jħossu l-ġibda lejn xulxin, billi qabel kienu ġisem wieħed.

Imma Adam u martu ma baqgħux hienja, għax il-mara ma reditx toqgħod għal kelma tar-raġel. U kienet tgħid li hi ma tridx tisma' minnu għax Allah kien għamilhom minn

---

(*) Il-għidut tal-Misilmin fuq il-ħolqien tal-ewwel nies, biċċa minnu meħud mill-Kotba Mqaddsa u biċċa qalgħuh huma minn żniedhom u baqa' sejjer jingħad. Hawn sa nġibu filqasir kif inhi l-fehma tagħhom fuq kif kien maħluq Adam u kif kienu l-ewwel ġrajjiet tiegħu.

Uħud mill-Misilmin jgħidu li Allah ħalaq lill-Adam billi għaġen ftit ħamrija minn fuq il-blata li fuqha wara żmien waqaf Abraham biex jidboħ lil ibnu Ishak: dik il-blata nfisha li mbagħad il-Lhud bnew fuqha l-artal tal-ħruq fit-Tempju li bena Salamun f'Ġerusalem. Oħrajn jgħidu li t-trab li minnu Allah għamel l-ewwel nies ġabru mill-erbat irjieħ tad-dinja, u kien ta' erbat ilwien: trab aħmar, trab abjad, trab isfar u trab iswed; għalhekk issa hawn erbat ilwien ta 'nies: ħomor, bħall-Indjani tal-Amerka, bojod bħal tal_Ewropa, sofor bħaċ-ċinżi, u suwed, bħan-nies tal-Afrika tannofs. Għidut ieħor hu li Allah għamel lil Adam minn ftit trab li ha minn mal-egħruq ta' siġra tal-palm.

tajn wieħed, u hekk Adam ma satax jiftaħar li kellu xi ħaġa aħjar minnha. U l-mara daqs kemm webbset rasha li ma tismax minn Adam, ħarbet mill-Ġenna tal-art u marret ma Blis u saret omm ix-xjaten.

Meta l-mara ħarbet mil-Ġenna tal-art, Allah ħalaq lil Hewwa (Eva) u ħalaqha minn delgħa t'Adam, li qalagħhielu kif kien rieqed raqda kbira. Adam u Hewwa għexu flimkien henjin sa kemm Blis sab kif għandu jagħnel biex jidħol fil-Ġenna tal-art. U daħal billi staħba ġewwa nejba ta' serp. U kif kien hemm, ġiegħel lil Ħewwa tiekol minn dik il-għalla ta' l-art li kien menagħlhom Allaħ, li l-Misilmin jgħidu li kienet il-qamħ.

Adam billi kien iħobb lil Ħewwa, u qatt ma kien jiċħdilha xej, sama' minnha u hu wkoll kiel minn dak l-ikel il-mimnugħ li tatu. U hekk Adam kien imkeċċi mill-Ġenna ta' l-art ma' martu, mas-serp u ma' Blis. Adam, meta tkeċċa mill-Ġenna, ħareġ minn bieb li jgħidulu Bieb it-Tewba; Ħewwa ħarġet minn bieb li jgħidulu Bieb il-Ħniena; is-serp ħareġ minn Bieb il-Għaks, u Blis ħareġ minn Bieb is-Saħta.

Adam u Ħewwa meta tkeċċew mill-Ġenna tal-art, damu jiġġerrew maddinja mitejn sena, u mbagħad reġgħu ltaqgħu f'xori jgħidulu Ġebel Għarafat, qrib mill-Mekka. Ma' tul dawn il-mitejn sena Adam u Ħewwa kienu għaddew minn ġrajjiet koroħ; għax Ħewwa kienet iżżewġet ma' rġiel ta' barra-minn-hawn u kellha minnhom ħafna wlied; u Adam ukoll kien iżżewweġ ma' nisa ta' barra-minnhawn, u kellhom minnu ħafna wlied. Dawn l-ulied ta' Adam u Ħewwa u ta' barra-minn-hawn, huma ġens il-Għafrid u r-Rasad li għadhom ħajjin u jduru mad-dinja u jagħmlu ħsara kbira lin-nies.

Meta kienu qrib mill-Imkien Imqaddes tal-Mekka, Adam u Ħewwa nidmu mill-egħmejjel il-ħżiena li kienu għamlu, u Allaħ ħafrilhom u bagħat lill-Anġlu Grabiel biex iressaqhom lejn xulxin u jseħibhom u jżewwiġhom. Għal hekk Ħewwa kellha żewġ tewmin, tifla u tifel, minn Adam; u t-tifel semmewh Kajjin. Wara ftit kellha żewġ tewmin, oħra, tifel u tifla, wkoll, u lit-tifel semmewh Habiel. Meta kibru Allaħ amar għal Adam li jżewweġ it-tifel il-kbir lit-tifla ż-żgħira u lit-tifla l-kbira mat-tifel iż-żgħir.

Imma Kajjin ried jiżżewweġ littifla l-kbira, dik li twieldet miegħu, għax kienet isbaħ mill-oħra. U Blis għaraf dan u ġie u webbel lil Kajjin li joqtol lil ħuh Ħabiel, u hekk jeħles minnu. U Kajjin hekk għamel tassew.

Kajjin meta qatel lil ħuh ma għarafx x'jaqbad jagħmel bil-ġisem tiegħu. Għal dan refgħu fuq kitfejh u baqa' jdur bih mad-dinja u jieħdu kull fejn imur. Raġa' deherlu Blis u qallu jħares urajh; kif ħares, Kajjin, ra seqer joqtol ħamiema u jħaffer ħofra b'difrejh u jordomha. U hekk għamel Kajjin: ħaffer ħofra fl-art u radam lil ħuh Ħabiel.

## GHALIEX KULHADD MIGBUD GHAL HAŻEN

Darba waħda, għall-ewwel li reġgħu ltaqgħu Adam u Hewwa u żżewġu t-tieni darba, qabel ma kellhom lil Kajjin, Adam kien barra jaħdem fir-raba u Hewwa kienet ġewwa, tiknes u tnaddaf id-dar. Kif kienet hekk weħedha, tisma' tarbija tibki x'imkien qrib id-dar tagħha. Ħarġet barra biex tara l-biki minn fejn kien ġej, u fl-art, fid-dell ta' għol-

lieqa kbira tara tifel ċkejken, sabiħ u qawwi, mitluq waħdu għal riħu. Resqet ħdejħ u għajtet tliet darbiet: "Dat-tifel ta' min hu?" u ma weġibha ħadd. Għal hekk ħadet it-tifel u daħħlitu d-dar u daret bih u għożżitu daqs kieku kien binha.

Fil-għaxija kif Adam ġie mix-xogħol, sab lil Hewwa bit-tifel fi ħdanha, tbenn'nu u tħann'nu. U qaltlu lil Adam: "Ara xi ġmiel ta' tifel sibt! Tridx inrabbuħ?" Imma Adam għaraf mill-ewwel li dak it-tifel kien iben Blis, u qal lil Hewwa: "Darba qarraqt bija! M'hix sa tkun it-tieni darba!" U ħadilha t-tifel u ħareġ bih barra u xeħtu fix-xmara.

Ġie Blis l-għada fil-għodu u resaq lejn dar Hewwa u għajjat: "Ibni ja ibni, fejn tinsab?" Wieġbu t-tifel: "Ninsab f'qiegħ ix-xmara." Tellgħu Blis minn qiegħ ix-xmara u malli Adam mar għax-xogħol, raġa' qegħdu fejn kien qabel, għad-dell tal-għollieqa, ħada l-bieb ta' Adam u Hewwa. Semgħetu jibki l-mara u reġgħet marret ġebitu u daħħlitu d-dar, u Adam meta ġie mill-għalqa sabu rieqed imxaħxaħ fil-benniena.

"M'għedtlekx li dat-tifel iben Blis, u jien ma rridux hawn?" qal Adam lil Hewwa meta ra x'ġara. "Ara x'tagħmel bih int," weġbitu "għax jien ma għandix qalb inħallih barra!" U Adam qabdu u xeħtu ġewwa l-forn kif kien imqabbad ħuġġieġa, u nħaraq u sar irmied.

Raġa' ġie Blis il-għada u waqaf ħdejn bieb Hewwa u għajjat: "Ibni ja ibni, fejn tinsab?" U dak wieġeb: "Ninsab maħruq, irmied, filqiegħ tal-forn!" U Blis ħarġu minn hemm u għaqqdu f'laħam u għamlu ħaj u qegħedu ħada bieb id-dar, bħad-darbtejn l-oħra. Hewwa reġgħet semgħetu jibki u reġgħet ħaditu u bdiet tfissdu u żżeffnu u tifraħ bih. U kif ġie Adam fil-għaxija, sabha tixxiegħel miegħu.

Adam kif ra hekk telagħlu u qalilha: "Kemm sa ndum ngħidlek li lil dat-tifel ma rridux hawn? Jewilla tridni nkeċċik minn miegħi? Issa nixwuħ u niekluh nofs kull wieħed, int u jien. Għax Blis mill-ilma ġiebu, min-nar ġiebu, imma minn ġewwa żaqqna ma jġibux!" U hekk għamlu. Adam u Hewwa xwew u kielu lil bin Blis.

Blis il-għada ġie. U waqaf qrib bieb Hewwa u għajjat: "Ibni ja ibni, fejn tinsab?" Wieġbu dak: "Ninsab ġewwa żaqq Adam u Hewwa! Keluni nofs kull wieħed!"

"Tajjeb wisq!" wieġbu dak. "Ibqa' hemm, għax hemmekk irridek! U agħmel li għandek tagħmel biex in-nies ma jkollhomx sliema!"

U Adam u Hewwa kellhom it-tfal, u demm iben Blis baqa' jiġri fihom u f'uliedhom u f'ulied uliedhom, sallum. U għal hekk kull ħadd għandu fih il-ġibda għal ħażen, li jkun fejn ikun, itellfu s-sliema, għax kull ħadd għandu fih ftit demm minn iben Blis!

HANAN.

# XOGĦOL BEN-ADAM.

Il-Misilmin jgħidu li lil kull wieħed minn ulied Adam li jitwieled Alla jagħtih xi ħaġa biex jaħdimha. Jew jagħtih biċċa ħadida, jew biċċa għuda, jew biċċa ġebla jew biċċa tafal. U jagħmel x'jagħmel ma' tul ħajtu, dejjem tibqa' għandu dik il-biċċa xi ħaġa li jkun tah Alla; u kull ma jagħmel, ikun jew tal-ħadid, jew tal-għuda, jew tal-ġebel jew tat-tafal. Għax li jkun tah Alla ma jistax ibiddlu, anqas jekk jagħmel x'jgħamel u jdum kemm idum.

# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

**Il-Milied f'Betlehem** — Eluf ta' nies, mill-Palestina kollha, minn Libnân, mis-Surija, l-Eġittu u l-Ewropa, żaru Betlehem, fil-Milied li għadda. Bħal snin oħra, il-festi hemm, saru mill-isbaħ. Il-Patrijarka Latin ta' Ġerusalêm, Mons. Gori O.F.M. għamel id-daħla t'għu f'Betlehem lejliet il-Milied ftit fuq nofs inhar, bid-daqq tal-banda, sparar ta' murtali u kant tal-*Benedictus*. Għmel il-Għasar Pontifikali fil-għaxija, u Quddiesa kbira f'nofs il-lejl, u warajha l-Purċissjoni, bil-Bambin, mill-knisja tal-Franġiskani għall-Għar Imqaddes. Bħal snin oħra, is-suldati tal-UNO fetħu t-triq il-qasira ta' Ġerusalêm, li tgħaddi dritt mill-art ta' Israël għal Betlehem. U hekk, fil-Milied iltaqgħu ħafna misserijiet u ommijiet ma' wliedhom, u aħwa ma' aħwa, darba waħda biss fis-sena, għax jgħammru f'art il-waħda jew l-oħra, billi Israël u l-Ġordanja għadhom magħduda fi stat ta' gwerra. U raġa' seħħ kliem il-Baxxâra li Twelid Ġesù ijġib miegħu: "Sebħ 'l Alla fis-sema, u Sliema fl-art lin-nies!"

**Tifkira kerha tal-imgħoddi** — Ftit bgħid minn Għammân, il-belt il-kbira tal-Ġordanja, fl-ewwel jiem ta' Frar li għadda (1963), xi ħaddiema sabu għar bil-bieb tiegħu mibni b'ħajt oħxon, u ġewwa fih għadd ta' skeletri. Mill-biċċiet tal-papîri miktuba li sabu magħhom, ingħaraf li kienu magħluqin ħajjin ġewwa dak il-għar, u l-bieb tiegħu misdud fuqhom, li mbagħad mietu bil-ġugħ u l-għatx u n-nuqqas tal-arja. Magħruf ukoll li dan ix-xogħol ikrah sar mis-suldati ta' Alessandru l-Kbir, ma'dwar is-sena 330 qabel Kristu.

**Lhud ikissru s-slaleb tal-Insara** — Billi l-belt ta' Ramleh, li fiha ħafna Nsara qegħda taħt ħakma Lhudija, x'erba' żgħażagħ kesħin fosthom, daħlu bil-lejl fil-Maqbar tal-Insara, u kissru s-slaleb kollha li sabu. Aktarx ikollhom jerġgħu jsiru mill-Ħakma, għax xogħol bħal dan hu mimnugħ mil-Liġi t'hemmekk.

**Kxif ta' swar qodma f'Ofel** — Kif konna ħabbarna ftit ilu, fuq il-lsien t'art li jgħidulu Ofel, qrib Ġerusalêm, qiegħed isir taħfir imxierek mir-Rhieb Dumnikani tal-*Ecole Biblique* u minn Għaqda Ingliża tal-Arkeoloġija. F'dan ix-xogħol ftit ilu nkixfu s-sisien ta' qalgħa, jew *fortizza*, kbira, ta' bejn it-VIII u s-VII mitt sena qabel Kristu. Il-bini, kif jaħsbu dawk li jifhmu, jista' jkun Lhudi ta' ftit żmien wara David, jew ta' żmien il-Kangħanin.

**Malta** — Il-W.R.P. Kummissarju tal-Art Imqaddsa, Patri Nikola Magro O.F.M., telaq lejn Ġerusalêm għax għandu bżonn jara u jkellem lil Kustodju l-ġdid, ir-Rev. mu Patri Lino Cappiello. Il-Kummisarju jerġa' lura lejn Malta ftit fuq Għid il-Kbir.

**Grazzi maqlugħa** — Il-Familja Gatt, mill-Gżira, tiżżi ħajr lil Madonna tad-Duluri tal-Kalvarju tal-grazzja li qalgħet bit-talb tagħha. Tibgħat 10/- Ġerusalêm biex jinxtara żejt jew xama' u jixtegħel fuq l-artal ta' hemmekk. Ukoll il-Familja Cuschieri, minn tas-Sliema, tiżżi ħajr bil-qalb lid-Duluri tal-Kalvarju għal-grazzja kbira li qalgħet bit-talb tagħha, u tibgħat £1, biex jiżżejjen l-artal tagħha f'Ġerusalêm.

N.N. minn Ħal-Lija, għall-grazzja li qala' mill-Madonna tal-Kalvarju joffri ġiżirana tad-deheb, biex tidden-del mal-wegħdi l-oħra fin-nicca tagħha fuq il-Kalvarju.

Ġużeppi Agius minn Ħal-Lija jiżżi ħajr 'l Alla permezz ta' dan il-qari għall-grazzja li qala' bl-interċessjoni tad-Duluri tal-Kalvarju.

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

TAS-SLIEMA: Melita Scicluna. Ġiuseppa Zammit. Teresa Alfredo u Ġiuseppe Zammit. Stella D'Agata Attilio Henry Borġ Cardona. Antonio u Victor Abela. Paolo Bartolo. Renaldo Camilleri. Antonio Fenech Vinċenza Grech Ġiovanni Battista Farruġia. Carmelo u Antonio Vella. Salvatore Scerri John Cachia. Ġiuseppe Carmela u Roccu Farruġia. Ġiuseppe Attard. Ġiuseppe Tabone. Mary Eduard Asciak Mifsud. Carmela u Manuele Fenech. Saviour Stillato Anna Grech Montebello. Mejtin Familja Quintano. Arturo u Carmen Cuschieri. Filomena Farruġia Oscar Vittorin Mifsud. Domenico Ġiuseppe Manuel Azzopardi. Paolo Salvina Grima Paul Debono Ġiovanni Zammit Michela Costa. Lorenzo Vassallo. Paulina Tomaso Vella. Rosina u Lorenzo Gatt. Conċetta Carmela Carmelo Ricardo u Ġiusa Micallef. Marianna Deċesare. Ġiusi Carmelo u Antonio Debono. Lorenzo Antonia Aġius.

L-IMSIDA: Carmelo Emilia Cassar. Carmelo u Teresa Cabarretta. Ġiovanni Rosario Vinċenza Ġiuseppe Alfredo Benedetto Vinċenzo Abela. Anġelo Ġiusa Marianna Ċettina u Ġiusa Gauċi Stella Abela. Josephine Church Denis Privitera. Ludcarda Cutajar Carmelo Cutajar. Mejtin Familja Zammit u Farruġia. Carmelo Manuele Maria Conċetta Cordina. Carmelo Galea. Maria Ġiammaria Cordina. Raffaele Ġiuseppe Violetta u Teresa Farruġia. Ġiuseppe Franz Troisi. Vinċenzo Carmela Ġiuseppe Lena Annetta Romeo Vinċenzo Ġiuseppe Ġeorġe Dimech. Marianna Michele Attard.

IL-BELT: Spiro Grech. Assunta Mackey. Salvatore Caruana. Ġiovanni Bondin. Ġeorġio Galea Antonio Saliba. Spiro Grech Mary Cutajar Domenico Grech. Lorenzo Grech. Spiro Grech. Antonio Saliba. Carmela Bondin. Antonia Bondin Francesca Bondin.

IR-RAĦAL ĠDID: Annetta Galea. Vincenzo Camenzuli. Ġiuseppina Damato. Paul Boffa. Michelina Deġiovanni. Marianna Ebejer. Joseph Bajjada. Ludgarda Pollacco Rosario Schembri Carmela Attard. Dolores Balsan. Antonio Nicholas. Anna Schembri.

IL-ĦAMRUN: Dolores Bonniċi. Antonia Vella. Ġiuseppina u Rosaria Catania. Ġiuseppa u Carmelo Meylak. Marianna Emmanuele Francesco Aġius. Paulina Galea. Salvatore Ronza. Erweħ Abbandonati. Carmelo Farruġia. Vincent Quintano. Rosaria Ċilia. Thomas Vella. Elvira Ġiovanni u Emmanuele Borġ. Carmela Saverio Emmanuele Ġiovanna Antonia Emmanuela Maria Antonia Salvatore Paulu Ġerolomo u Maria Caruana. Carmelo Maria u Emmanele Mallia. Spiridione Buġeja. Cristina Salvatore u Annetta Farruġia.

IŻ-ŻEJTUN: Don Salv Delia. Carmela Grech. Maria Camilleri. Rosina Montebello Ġiovanna Montebello. Ġiuseppa Camilleri. Benigno Paola Luiġi u Andrea Camilleri. Grazia u Michele Borġ. Catarina Galea. Giovanna Zerafa. Lorenza u Antonia Chetcuti. Ġiovanni Zerafa. Eduardo Mizzi.

IŻ-ŻURRIEQ: Antonio Michelina u Catarina Grixti. Maria u Luiġi Bondin. Agostino Gatt. Conċetta Gauċi. Salvu u Antonio Camilleri. Carmela u Paolo Dalli. Mary Dalli.

ĦAL-LUQA: Andreana Baldacchino. Ġiovanni u Feliċ Baldacchino. Ġiuseppa Balzan u Salvatore Balzan. Ketie Baldacchino. Carmela Camilleri. Carmela Caruana. Vittorin Merċieca. Ġiuseppe Merċieca. Rosina Mifsud Teresa u Ġiuseppe Ċiappara. Ġiovanna Cassar. Daniel Camilleri. Consilia Camilleri. Francesco Saverio Camilleri. Andrea u Mose Camilleri. Teresa u Vittorio Ċiappara. Carmelo u Vittoria Merċieca. Rosina Mifsud Ġiacomo Cassar. Lorenzo Cassar. Rocco Caruana. Ġiuseppe Carmen Andreu u Michele Caruana. Feliċia Briffa. Lorenza Cassar Andreu Cassar Carmela Camilleri. Carmela Brincat Carmelo Brincat.

IR-RABAT: Ġiuseppe Francesca u Paulu Muscat. Don Ġuan Don Anton Teresa u Ġiuseppe Aġius Marianna u Franz Muscat. Carmen Aġius. Ġiuseppe u Vincent Micallef. Antonio Vella. Francesco Vella. Mejtin Calċedonio Busuttil. Rosina Ġiuseppe Carmela Salvu Gaetano u Ġiuseppe Busuttil. John Buġeja. Clara u Ġiuseppe Grech. Ġiuseppa Ġiuseppe Conċetta u Lina Grima. Carmelo u Loreta Azzopardi. Carmelo u Ġiuseppe Fenech. Carmela Busuttil Gaetano Chetcuti. Orazio Fenech Maria Ġiordamaina. Salvatore Fenech. Pietru u Ferdinando Vella. Michela u Paola Sciortino. Rosa u Andrea Schembri. Rosario u Salvu Camilleri.

IN-NAXXAR John u Grazia Galea Ġiuseppe u Marianna Schembri Suor Maria Catarina. Madalena u Assunta Tonna Ġiovanni u Grazia Vella. Onorato Vella.

BIRKIRKARA: Ġiuseppe Galea. Maria Galea. Ġiuseppe Borġ. Virġinia u Manuel Buħaġiar. Mariano Grazia u Elena Zammit. Michele u Elena Parnis. Sara u Alfredo Bezzina. Ġiuseppe u Luisa Abdilla. Ġerardo Lucreziu u Ġiuseppe Pulis. Carmela u Antonio Cardona. Ġiuseppe Maria Assunta Dolores Pelagia u Ellen Zammit. Maria Costantino Zammit. Familja Vella u Sapiano. Antonio Camilleri Teresa u Salvatore Camilleri. Valentino Teresa Michele Marianna Alexander u Maria Sammut. Maria Sciberras Costantino Ġiuseppe Elena Sciberras Paolo u Teresa Farruġia. Ġiovanni u Rosa Farruġia.

ĦAL-GĦARGĦUR: Ġiovanna u Rosaria Cuschieri. Francesco u Carmela Chetcuti. Saverio Maria Paolo u Marianna Micallef.

GĦAWDEX

IL-MUNXAR Carmelo Spiro Gauci. Maria Borġ. Familja Borġ. Familja Vella. Familja Debrincat Silvia John Marlene u Ġeorġette Parnis. Familja Muscat. Familja Stellini. Carmelo Attard. Ġiuseppe u Lorenzo Spiteri. Vinċenzo u Familja Grech. Familja Said. Francesco Curmi Maria Assunta Maria Ġiuseppe Ġiuseppina Antonio Spiro Anna Curmi. Familja Aġius.

GĦAINSIELEM: Antonio Ġiuseppe Tancredi Frank u Mable Caruana.

SANANT: Maria Debattista Ġiueppe u Carmela Galea. Filomena Ġiuseppe Ġiammaria Gauċi Rosa Carmelo Ġiovanna Attard. Mananni u Ġiuseppe Cassar.

*Min-naħa tagħna niżguraw qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem millquddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*